

# SUSSIDJU
# GĦAL ŻMIEN L-AVVENT
# 2025

**Ippubblikat mid-Djoċesi ta' Għawdex**
**f'Novembru 2025**

Editur: Mons. Joseph Sultana, Segretarju Pastorali Djoċesan
Mitbugħ: Gozo Press Ltd, Għajnsielem, Għawdex

# WERREJ

| | | |
|---|---|---|
| I | Ċelebrazzjoni tat-Tħabbira tal-Avvent | 1 |
| II | Il-Girlanda tal-Avvent | 9 |
| III | Ċelebrazzjoni Penitenzjali għal Żmien l-Avvent | 13 |
| IV | Proposti għal Omeliji ta' Żmien l-Avvent | 21 |
| V | Kalendarji tal-Avvent 2025 għat-tfal | 35 |
| VI | Proposta kateketika għan-Novena tal-Milied 2025 | 37 |
| VII | Pass pass lejn Betlehem | 83 |

# I
# ĊELEBRAZZJONI TAT-TĦABBIRA TAL-AVVENT

Tkun ħaġa sabiħa li t-Tħabbira (l-istedina biex wieħed jgħix l-Avvent) ssir jew is-Sibt qabel il-quddiesa ta' filgħaxija jew xi jiem qabel ma jibda l-Avvent. F'din l-okkażjoni wieħed jista' jistieden lill-komunità parrokkjali biex iġġib il-girlanda tal-Avvent biex tiġi mbierka. Dan biex wieħed jieħu l-opportunità biex anki fil-familji ssir il-mixja tal-Avvent.

Fl-arranġament tal-altar xieraq li jkun hemm il-girlanda, u l-kulur tal-peramenti sagri għandu jkun vjola regali. Fejn hu possibbli jistgħu jitpoġġew 10 imsiebaħ fid-dawl tal-parabbola tal-għaxar xebbiet, biex jitwassal il-messaġġ li l-Avvent hu żmien ta' tħejjija u stennija tal-Mulej

- li ġie fi żmien il-Milied,
- li jinsab fostna taħt il-misteru fil-Kelma tiegħu u s-sagramenti,
- li ġej fil-glorja fl-aħħar taż-żmien.

Xieraq li jkun hemm fuq l-altar ix-xbieha mdaqqsa ta' Kristu msallab biex jiġi enfasizzat li l-miġja tal-Mulej fl-aħħar taż-żmien ser tkun tal-Imħallef il-ħanin li miet għalina fuq is-salib; kif ukoll xbieha tal-Verġni Mbierka ikona tal-Avvent.

Tajjeb li ċ-Ċelebrant jispjega tajjeb iż-żewġ partijiet tal-Avvent. L-ewwel parti, mill-bidu sal-15 ta' Diċembru, torjentana lejn it-Tieni Miġja tiegħu. Tajjeb li wieħed jagħmel enfasi fuq din il-parti, għax l-ambjent ma jgħinniex biex nidħlu f'din id-dimensjoni eskatoloġika tal-Avvent. Wara, tiġi spejgata t-tieni parti tal-Avvent bħala tħejjija prossima għat-Tifkira tat-Twelid tiegħu, partikularment permezz tal-attendenza għan-Novena.

Din iċ-ċelebrazzjoni, jekk ser ssir qabel il-quddiesa tas-Sibt, ma għandhiex tieħu aktar minn 20 minuta.

Iċ-Ċelebrant, liebes il-kappa jew il-pjaneta vjola jekk ser iqaddes, joħroġ mis-sagristija bl-akkolti, ċensier u l-Evanġelarju, waqt li jsir il-kant ta' stennija u l-għajta tal-Knisja għal dan iż-żmien: *Maranatha*, bħall-innu *Ejja Divin Messija*, jew kant adattat ieħor. Xħin iċ-Ċelebrant jasal fuq l-altar, jinċensa x-xbieha tal-Kurċifiss u l-Evanġelarju.

**Tislima lill-ġemgħa**

℣. Fl-isem tal-Missier…
℟. *Amen.*

℣. Nitolbu.
O Alla li tista' kollox, f'dan il-bidu tal-Avvent, żmien ta' tama u stennija tal-Mulej li ġej, qanqal fina r-rieda li, bis-saħħa tas-smigħ tal-Kelma tiegħek, bl-għajxien tas-sagramenti u bl-għemejjel tajba, noħorġu niltaqgħu ma' Kristu Ibnek, li ġej, biex nissieħbu miegħu fil-leminija tiegħu u jistħoqqilna niksbu s-Saltna tas-Sema. B'Ibnek Ġesù Kristu Sidna li hu Alla, u miegħek jgħix u jsaltan flimken mal-Ispirtu s-Santu għal dejjem ta' dejjem.
℟. *Amen.*

**Qari mill-ktieb tal-Profeta Iżaija** (Iż 40:1-5)

Farrġu, farrġu l-poplu tiegħi, jgħid Alla tagħkom. Kellmu lil qalb Ġerusalemm u għidulha li ntemm il-jasar tagħha, tħallset ħżunitha, ħadet mingħand il-Mulej darbtejn għal dnubietha kollha. Leħen jgħajjat: "Ħejju t-triq għall-Mulej fid-deżert, wittu għal Alla tagħna mogħdija fix-xagħri. Jintradam kull wied, u jitniżżlu l-muntanji u l-għoljiet; kull art imħabbta titwitta kull art imħarbta ssir maqgħad. U tfiġġ il-glorja tal-Mulej, u l-bnedmin jarawha lkoll f'daqqa, għax fomm il-Mulej tkellem".

℣. Il-Kelma tal-Mulej
℟. *Irroddu ħajr lil Alla.*

**Akklamazzjoni tal-Vanġelu** (Apok 21:21)

Hallelujah. Hallelujah.
Ishru u kunu mħejjija!
Għax ma tafux f'liema jum jiġi Bin il-Bniedem.
Hallelujah.

**Il-Vanġelu** (Mk 13:32-37)

℣. Il-Mulej magħkom.
℟. *U miegħek ukoll.*

℣. ✠ Qari mill-Evanġelju Mqaddes skont San Mark.
℟. *Glorja lilek, Mulej.*

F'dak iż-żmien, Ġesù qal: "Dwar dak il-jum u s-siegħa ħadd ma jaf meta se jaslu, anqas l-anġli fis-sema, u anqas l-Iben; ħadd ħlief il-Missier. Kunu għajnejkom miftuħa, ishru, għax ma tafux meta se jasal il-waqt. Jiġri bħal meta bniedem ikun siefer u telaq mid-dar, iħalli kollox f'idejn il-qaddejja tiegħu, kull wieħed fuq xogħlu, u lil tal-bieb jordnalu biex jibqa' jishar. Mela ishru, għax ma tafux meta jiġi Sid id-dar, jekk hux filgħaxija, jew f'nofs il-lejl, jew xħin jidden is-serduk, jew inkella mas-sebħ, li ma jmurx jiġi għall-għarrieda u jsibkom reqdin. U dak li qiegħed ngħid lilkom, qiegħed ngħidu għal kulħadd: ishru!".

℣. Il-Kelma tal-Mulej.
℟. *Tifħir lilek, Kristu.*

**Riflessjoni qasira**

**Tberik tal-Girlanda tal-Avvent**

℣. O Missier,
qed nistennew b'ferħ kbir il-miġja ta' Ibnek fostna.
Id-dawl tiegħek ġa qed jiddi sa mill-ibgħad żminijiet.

O Missier,
ħares lejn il-Knisja tiegħek
miġbura biex tibda dan iż-żmien qaddis tal-Avvent,
ibgħat l-Ispirtu tiegħek
u bierek ✠ dawn ix-xemgħat li tul dan iż-żmien ser jinxtegħlu
fl-istennija ta' Ibnek li ġej fil-lejl qaddis tal-Milied,
kif ukoll fil-laqgħat ta' kull nhar ta' Ħadd matul is-sena.

Agħmel li waqt li nixegħlu dawn ix-xemgħat,
id-dawl tal-fidi, il-ħajja tal-grazzja u l-ħeġġa għall-karità
jikbru dejjem aktar f'kull familja u fi qlubna,
biex inkunu mħejjija għall-miġja ta' Kristu Ibnek meta jiġi fil-glorja tiegħu,
u hekk isibna denji li nidħlu aħna wkoll fis-Saltna tad-dawl.
Bi Kristu Sidna.
℟. *Amen.*

**Tislima lill-Verġni Marija l-Bieb l-Avvent:**
***Vestis Honoris* – Libsa ta' ġieħ lil Marija**

*Tiġi inċensata x-xbieha tal-Madonna*

℣. Alla għażel lil Marija biex tkun Ommu.
℟. *Alla għażel lil Marija biex tkun Ommu.*

℣. Dak li hu fuq kulħadd sar l-Iben tagħha.
℟. *Għażel lil Marija.*

℣. Glorja lill-Missier u lill-Iben u lill-Ispirtu s-Santu.
℟. *Alla għażel lil Marija biex tkun Ommu.*

℣. Lil Marija Alla qiegħed.
℟. *Sidt tal-opri ta' jdejh.*

Sinjura tas-sema, tkun lilek glorja.
Sinjura tax-xemx, tkun lilek glorja.
Sinjura tal-qamar, tkun lilek glorja.
Sinjura u omm tagħna, kun int għalina.

Sinjura tal-kwiekeb, tkun lilek glorja.
Sinjura tan-nar, tkun lilek glorja.
Sinjura tad-dawl, tkun lilek glorja.
Sinjura u omm tagħna, kun int għalina.

Sinjura tal-art, tkun lilek glorja.
Sinjura tal-baħar, tkun lilek glorja.
Sinjura tal-għejun, tkun lilek glorja.
Sinjura u omm tagħna, kun int għalina.

Sinjura tal-jum, tkun lilek glorja.
Sinjura tal-lejl, tkun lilek glorja.
Sinjura taż-żminijiet, tkun lilek glorja.
Sinjura u omm tagħna, kun int għalina.

Sinjura tal-borra, tkun lilek glorja.
Sinjura tal-beraq, tkun lilek glorja.
Sinjura tas-sħab, tkun lilek glorja.
Sinjura u omm tagħna, kun int għalina.

Sinjura tat-tajr, tkun lilek glorja.
Sinjura tal-ħut, tkun lilek glorja.
Sinjura tal-annimali, tkun lilek glorja.
Sinjura u omm tagħna, kun int għalina.

Sinjura tal-fjuri, tkun lilek glorja.
Sinjura tal-frott, tkun lilek glorja.
Sinjura tas-siġar, tkun lilek glorja.
Sinjura u omm tagħna, kun int għalina.

| | |
|---|---|
| Sinjura tar-riħ, | tkun lilek glorja. |
| Sinjura tal-abissi, | tkun lilek glorja. |
| Sinjura tal-ilmijiet, | tkun lilek glorja. |
| Sinjura u omm tagħna, | kun int għalina. |

| | |
|---|---|
| Sinjura tal-qawwija, | tkun lilek glorja. |
| Sinjura tal-għorrief, | tkun lilek glorja. |
| Sinjura tal-qaddisin, | tkun lilek glorja. |
| Sinjura u omm tagħna, | kun int għalina. |

| | |
|---|---|
| Sinjura tas-slaten, | tkun lilek glorja. |
| Sinjura tal-bnedmin,* | tkun lilek glorja. |
| Sinjura tal-ispirti, | tkun lilek glorja. |
| Sinjura u omm tagħna, | kun int għalina. |

* *inkin*

| | |
|---|---|
| Sinjura tal-ħajja, | tkun lilek glorja. |
| Sinjura tal-mewt, | tkun lilek glorja. |
| Sinjura tal-ħakkiema, | tkun lilek glorja. |
| Sinjura u omm tagħna, | kun int għalina. |

| | |
|---|---|
| Sinjura tad-dinja, | tkun lilek glorja. |
| Sinjura ta' kulma jidher, | tkun lilek glorja. |
| Sinjura tal-anġli, | tkun lilek glorja. |
| Sinjura u omm tagħna, | kun int għalina. |
| Sinjura u omm tagħna, | tkun lilek glorja għal dejjem ta' dejjem. Amen. |

*Jekk ma hemmx ħin biżżejjed, tista' tingħad din l-Antifona Marjana:*

Omm ħelwa ta' Kristu l-Feddej,
int bieb illi jagħti għas-Sema,
int kewkba tal-baħar, Marija!
Ħarisna mill-waqgħa, kun magħna,
għajnuna tal-poplu l-maħtur,
li b'għaġeb nissilt 'il Min ħalqek
fis-siegħa li lqajt it-tislima

li tak Gabrijel, u bqajt xebba,
kif qabel, hekk wara t-tnissil.
Ħenn, Omm, għal uliedek midinba.

**Talba flimkien mal-ġemgħa**

Ejja fostna, Mulej, u ibqa' magħna, waqqaf fostna t-tinda tiegħek. Qed nistennewk bil-ħerqa, għax għandna bżonnok sħiħ. Ejja u ġib miegħek il-faraġ lill-morda tagħna, il-maħfra lil dawk li draw fil-vizzju, id-dawl lil dawk li tilfu t-triq. Ejja, Mulej, għax bridna u ntlaqna, it-tama tagħna ntfiet, il-ġustizzja tagħna tħammġet, m'għadniex nafu nistennew. Insejna lkoll il-kuluri tal-paċi u tlifna l-gost u l-ħajra tas-sabiħ. Fakkarna għal darb'oħra li aħna lkoll aħwa, ulied maħbuba tal-Missier. Ejja, Mulej Ġesù. Amen.

*Jekk dritt wara ser ikun hemm il-quddiesa, ma tingħatax barka tas-saċerdot, iżda jgħid:* Inbierku 'l-Mulej, *u l-ġemgħa twieġeb:* Irroddu ħajr lil Alla, *u jibda dritt il-kant tal-bidu tal-quddiesa. Jekk le, iċ-Ċelebrant jagħti l-barka u fl-aħħar jitkanta innu Marjan, bħal* Miġbura f'darek, ġo Nazaret.

II

# IL-GIRLANDA TAL-AVVENT

## It-Tberik

℣. O Missier,
qed nistennew b'ferħ kbir il-miġja ta' Ibnek fostna.
Id-dawl tiegħek ġa qed jiddi sa mill-ibgħad żminijiet.

O Missier,
ħares lejn il-Knisja tiegħek
miġbura biex tibda dan iż-żmien qaddis tal-Avvent,
ibgħat l-Ispirtu tiegħek
u bierek ✠ dawn ix-xemgħat li tul dan iż-żmien ser jinxtegħlu
fl-istennija ta' Ibnek li ġej fil-Lejl qaddis tal-Milied,
kif ukoll fil-laqgħat ta' kull nhar ta' Ħadd matul is-sena.

Agħmel li waqt li nixegħlu dawn ix-xemgħa,
id-dawl tal-fidi, il-ħajja tal-grazzja u l-ħeġġa għall-karità,
jikbru dejjem aktar f'kull familja u fi qlubna,
biex inkunu mħejjija għall-miġja ta' Kristu Ibnek meta jiġi fil-glorja tiegħu,
u hekk isibna denji li nidħlu aħna wkoll fis-Saltna tad-dawl.
Bi Kristu Sidna.
℟. *Amen.*

### L-Ewwel Ħadd tal-Avvent

*Wara l-omelija, wara pawsa ta' skiet, is-saċerdot jixgħel l-ewwel xemgħa tal-kuruna tal-Avvent filwaqt li jgħid:*

Ser nixegħlu, Mulej, din ix-xemgħa, bħal dak il-bniedem li ser jixgħel il-musbieħ tiegħu, biex joħroġ mid-dlam tal-lejl biex jiltaqa' ma' ħabibu li ġej.

F'din l-ewwel ġimgħa tal-Avvent nixtiequ nqumu min-ngħas, it-telqa u l-bruda, u nistennewk ħerqana u mħejjija biex nilqgħuk b'ferħ kbir. Hawn ħafna x'jaljenana u x'jifxilna, iżda aħna nixtiequ nibqgħu mqajma u nishru, għax nafu li int biss tista' twassalna għad-dawl veru, għall-paċi tal-qalb u għall-ferħ dejjiem.

Ejja, Mulej Ġesù.

## IT-TIENI ĦADD TAL-AVVENT

*Wara l-omelija, wara pawsa ta' skiet, is-saċerdot jixgħel it-tieni xemgħa tal-kuruna tal-Avvent filwaqt li jgħid:*

Il-Profeti żammew mixgħula t-tama ta' Iżrael. Aħna llum bħala sinjal ser nixegħlu t-tieni xemgħa. Iz-zokk il-qadim qed jarmi u jwarrad fid-deżert… il-bniedem qed jimtela bit-tama għax Alla għoġbu jiġi fostna.

Agħmel, Mulej, li kull wieħed u waħda minna jiftaħ qalbu beraħ biex jilqa' lis-Salvatur, u hekk it-tama tagħna twarrad u tiġġedded, u hekk qalbna tibqa' mixgħula.

Ejja, Mulej, u la tiddawwarx!
Ejja, Mulej Ġesù.

## IT-TIELET ĦADD TAL-AVVENT

*Wara l-omelija, wara pawsa ta' skiet, is-saċerdot jixgħel it-tielet xemgħa tal-kuruna tal-Avvent filwaqt li jgħid:*

Fid-dlam deher jiddi d-dawl, fid-deżert instema' leħen.
Ħejju triqatu, għax tassew hu fil-qrib.
Ħa tkun qalbna mgħaddsa fit-talb, bħala għarusa mżejna f'jum it-tieġ tagħha.

Wasal il-messaġġier: Ġwanni l-Battista mhux biss iħabbar id-dawl, iżda jixhed għad-dawl. Waqt li qed nixegħlu t-tielet xemgħa, kull wieħed u waħda minna jixtieq ikun fjamma li ddawwal u ssaħħan.

Ejja, Mulej, ejja ħa ssalvana, kebbisna fid-dawl tiegħek, saħħanna bl-imħabba tiegħek.

## IR-RABA' ĦADD TAL-AVVENT

*Wara l-omelija, wara pawsa ta' skiet, is-saċerdot jixgħel ir-raba' xemgħa tal-kuruna tal-Avvent filwaqt li jgħid:*

Waqt li ser nixegħlu r-raba' xemgħa, f'dan l-aħħar Ħadd, Mulej, niftakru fil-Verġni Marija Ommok u Ommna. Ħadd daqsha ma stenniek b'daqshekk ħeġġa, b'daqshekk ħlewwa u mħabba. Ħadd ma laqgħek b'daqshekk ferħ.

Int twarrad fiha, bħal ħabba tal-qamħ f'art għammiela. F'dirgħajha sibt l-isbaħ benniena. Anki aħna, għalkemm dgħajfa u midinba, nixtiequ nagħmlu minn qalbna benniena bħal ta' Ommok: bil-fidi u bl-imħabba.

Ejja, Mulej, u la tiddawwarx!
Ejja, ħa ssalvana.

## III
## ĊELEBRAZZJONI PENITENZJALI GĦAL ŻMIEN L-AVVENT

### 1. Kant tal-bidu

*Iċ-Ċelebrant liebes kappa vjola, flimkien mal-konfessuri lebsin alba u stola vjola, jersqu lejn l-altar.*

### 2. Tislima

*Xħin jaslu fuq l-altar wara l-kant, iċ-Ċelebrant irodd is-salib u jsellem lill-ġemgħa.*

℣. Fl-isem tal-Missier…
℟. *Amen.*

℣. Grazzja, ħniena u sliem mingħand Alla l-Missier u Ġesù Kristu Ibnu jkunu magħkom fil-verità u l-imħabba.
℟. *Amen.*

℣. Ħuti, l-Avvent huwa żmien ta' tħejjija, biex niċċelebraw il-Misteru tal-miġja ta' Sidna bħala bniedem, il-bidu tal-Fidwa tagħna. L-Avvent iqanqalna wkoll biex inħarsu 'l quddiem b'tama mġedda lejn it-Tieni Miġja ta' Kristu, meta l-pjan ta' salvazzjoni ta' Alla se jitwettaq.

Niftakru wkoll fil-miġja ta' Sidna għand kull wieħed u waħda minna fis-siegħa tal-mewt tagħna. Irridu niżguraw li jsibna mħejjija għall-miġja tiegħu, kif jgħidilna l-Evanġelju: "Henjin dawk il-qaddejja li jinstabu mqajmin meta jiġi l-Mulej" (Lq 12:37).

Din iċ-Ċelebrazzjoni Penitenzjali hija maħsuba biex tħejjina f'moħħna u f'qalbna għall-miġja ta' Kristu, li dalwaqt se niċċelebrawh fil-Lejl qaddis tal-Milied.

## 3. Talba tal-Bidu

℣. Ejjew nitolbu.

*Ilkoll jitolbu fis-skiet għal mument qasir.*

Iben Etern ta' Alla, Ħallieq tal-familja umana u Feddej tagħna, ejja fostna bħala Bin il-Verġni bla tebgħa. Uri l-preżenza tiegħek kollha mħabba li biha, biex teħlisna mid-dnub, sirt wieħed minna f'kollox barra d-dnub, int li tgħix u ssaltan għal dejjem ta' dejjem.
℟. *Amen.*

## 4. Il-Liturġija tal-Kelma

**L-Ewwel Qari** (Sof 3:14-18a)

Għajjat bil-ferħ ta' qalbek, bint Sijon, Iżrael, samma' leħnek! Infexx fl-hena u ifraħ b'qalbek kollha, bint Ġerusalemm! Neħħa l-Mulej minn fuqek is-sentenza li kellek kontrik, keċċa l-għedewwa tiegħek. Is-sultan ta' Iżrael, il-Mulej, hu f'nofsok; ma jkollokx iżjed ħsara minn xiex tibża'.

Dakinhar jgħidu lil Ġerusalemm: "Tibżax, Sijon, tħallix idejk jintelqu: il-Mulej, Alla tiegħek, qiegħed f'nofsok, gwerrier li jsalva; minħabba fik jithenna b'hena kbir, fi mħabbtu jġeddek, jinfexx minħabba fik f'għajat ta' ferħ, bħallikieku f'jum ta' festa".

℣. Il-Kelma tal-Mulej.
℟. *Irroddu ħajr lil Alla.*

**Salm Responsorjali** (Salm 24)

℟. *Ħa jidħol il-Mulej; hu s-sultan tal-glorja.*

Tal-Mulej hi l-art u kulma fiha,
id-dinja u kulma jgħix fiha.
Għax hu fuq l-ibħra waqqafha,
u fuq ix-xmajjar fis-sod qegħedha. ℟.

Min jista' jitla' fuq l-għolja tal-Mulej,
min joqgħod fil-post imqaddes tiegħu?
Min għandu jdejh indaf u qalbu safja,
min ma jagħtix ruħu għall-frugħa,
u anqas ma jaħlef bil-qerq. ℟.

Dan ikollu barka mingħand il-Mulej,
u l-ħlas li ħaqqu minn Alla, is-Salvatur tiegħu.
Dan hu n-nisel ta' dawk li jfittxuh;
li jfittxu 'l wiċċek, Alla ta' Ġakobb. ℟.

**It-Tieni Qari** (1 Ġw 2:3-11)

Uliedi, dan qiegħed niktibhulkom biex ma tidinbux; imma jekk xi ħadd jidneb, aħna għandna Difensur quddiem il-Missier, lil Ġesù Kristu, il-ġust. U hu jħallas għal dnubietna, mhux għal tagħna biss, iżda wkoll għal dawk tad-dinja kollha. U b'dan nafu li nagħrfu 'l Ġesù: jekk inżommu l-kmandamenti tiegħu. Min jgħid "Jiena nafu" u ma jżommx il-kmandamenti tiegħu, hu giddieb u l-verità mhijiex fih. Iżda kull min iżomm il-kelma tiegħu, fih hemm tassew l-imħabba ta' Alla fil-milja tagħha. B'dan nagħrfu li aħna fih. Min jgħid li qiegħed jgħammar fih, jeħtieġ li hu jgħix kif għex hu stess.

Għeżież, m'iniex niktbilkom xi kmandament ġdid, imma kmandament qadim li kellkom sa mill-bidu. Il-kmandament il-qadim hi l-kelma li intom smajtu. Madankollu kmandament ġdid qiegħed niktbilkom, għax seħħ tassew fi Kristu u fikom, għax id-dlam għadda u d-dawl tassew ġa qiegħed jiddi. Min jgħid li qiegħed fid-dawl, u jobgħod 'il ħuh, għadu fid-dlam sa issa. Min iħobb 'il ħuh, jgħammar fid-dawl, u fih ma hemm ebda tfixkil. Iżda min jobgħod 'il ħuh, jinsab fid-dlam,

jimxi fid-dlam, u ma jafx fejn hu sejjer, għax id-dlam għemielu għajnejh.

℣. Il-Kelma tal-Mulej.
℟. *Irroddu ħajr lil Alla.*

**Akklamazzjoni tal-Vanġelu** (ara Lq 21:36)

Hallelujah. Hallelujah.
Ishru u kunu mħejjija!
Għax ma tafux f'liema jum jiġi Bin il-Bniedem.
Hallelujah.

**Il-Vanġelu** (Lq 12:35-40)

℣. Il-Mulej magħkom.
℟. *U miegħek ukoll.*

℣. ✠ Qari mill-Evanġelju Mqaddes skont San Luqa.
℟. *Glorja lilek, Mulej.*

F'dak iż-żmien, Ġesù qal: "Żommu ġenbejkom imħażżma u l-imsiebaħ tagħkom mixgħula; kunu bħal nies jistennew lil sidhom lura mill-festa tat-tieġ, biex malli jiġi u jħabbat, jiftħulu minnufih. Henjin dawk il-qaddejja li meta jiġi sidhom isibhom jishru! Tassew ngħidilkom li hu jitħażżem, iqegħedhom madwar il-mejda, u jgħaddi quddiemhom iservihom. U kieku kellu jiġi fil-ħin tat-tieni sahra, jew tat-tielet, u jsibhom xorta waħda fuq dmirhom, henjin huma! Kunu afu dan, li kieku sid id-dar kellu jkun jaf xħin ikun ġej il-ħalliel ma kienx se jħalli min jinfidlu l-ħajt ta' daru. Mela kunu lesti intom ukoll, għax qatt ma tistgħu tobsru s-siegħa li fiha jiġi Bin il-bniedem".

℣. Il-Kelma tal-Mulej.
℟. Tifħir lilek, Kristu.

**Omelija**

5. **Kant**

6. **Eżami tal-Kuxjenza**

*Il-ġemgħa issa hija mistiedna tagħmel eżami tal-kuxjenza. Dan jista' jsir fis-skiet jew billi jintuża l-eżami tal-kuxjenza ta' hawn taħt. Qarrej wieħed jista' jaqrah waħdu, jew żewġ qarrejja jistgħu jalternaw. Jekk jinqara, jinqara b'leħen għoli, u jitħalla mument qasir ta' silenzju bejn kull sett ta' mistoqsijiet.*

**Għan-nuqqasijiet fil-ħajja privata tagħna:**

- Għandi rispett lejn ġismi, li hu tempju tal-Ispirtu s-Santu?
- Inżomm il-qies fl-ikel u x-xorb?
- Nieħu sehem f'attivitajiet li flok ikunu ta' ġid għalija, ikunu ta' deni kemm spiritwalment u kemm materjalment?
- Għandi kontroll fuqi nnifsi, fi kliemi u għemili, jew immexxi mix-xewqat u l-aptiti tiegħi u nimxi mal-kurrent?

**Għan-nuqqasijiet fil-familji tagħna:**

- Attent jew traskurat għall-ħtiġijiet tal-familja tiegħi?
- Nemmen li familja magħquda hi familja li titlob? X'post għandu Alla fil-familja tiegħi?
- Id-dar hi post mixtieq mill-familja tiegħi? Ngħaddu ħin id-dar flimkien bħala familja? Jew id-dar sempliċement dormitorju?
- Il-kelma 'jiddispjaċini' jew 'żbaljajt' tinstema' ta' spiss fil-familja tiegħi, jew hi l-eċċezzjoni, skarsa?

**Għall-fallimenti fil-komunitajiet tagħna:**

- Qed inkun mezz ta' tfixkil minħabba l-egoiżmu tiegħi?
- Qed inkun ħaddiem tal-paċi?
- Neskludi lil ħaddieħor intenzjonalment u nimxi bil-grazzja?
- Qed inkun mezz ta' għaqda jew ta' firda fil-komunità tiegħi?

**Għall-fallimenti fir-relazzjoni tagħna ma' Alla:**

- Nonqos li npoġġi r-relazzjoni tiegħi ma' Alla l-ewwel?

- Nonqos li nagħmel ħin għal talb privat regolari u ma' ħaddieħor?
- Nagħmel għażliet importanti f'ħajti mingħajr ma nagħti kas tal-leħen ta' Alla?
- Inżomm lura meta Alla qed isejjaħli biex inkun strument ta' paċi u rikonċiljazzjoni?
- Tqil biex nirringrazzja lil Alla tad-doni li tani?

## 7. Rit tar-Rikonċiljazzjoni – Stqarrija tad-Dnubiet

℣. (Ninżlu għarkupptejna.)
Ħuti, ejjew niftakru fit-tjubija ta' Alla Missierna, u nagħrfu dnubietna, sabiex inkunu nistgħu nirċievu l-maħfra u ħniena tiegħu. Ngħidu lkoll flimkien:

℟. Nistqarr 'l Alla li jista' kollox, u lilkom, ħuti, li jiena dnibt ħafna bil-ħsieb, bil-kliem, bil-għemil, u billi ħallejt dmirijieti: ħtija tiegħi, ħtija tiegħi, bl-ikbar ħtija tiegħi. Għalhekk nitlob lill-imqaddsa Marija dejjem Verġni, lill-Anġli u 'l-Qaddisin kollha, u lilkom, ħuti, biex titolbu għalija lill-Mulej Alla tagħna.

℣. Iħenn għalina Alla li jista' kollox, jaħfrilna dnubietna u jwassalna għall-ħajja ta' dejjem.
℟. Amen.

℣. Mulej, ħniena.
℟. *Mulej, ħniena.*

℣. Kristu, ħniena.
℟. *Kristu, ħniena.*

℣. Mulej, ħniena.
℟. *Mulej, ħniena.*

## 8. Talb ta' ndiema

*Iċ-Ċelebrant jistieden lill-ġemgħa biex tqum bilwieqfa għat-talb.*

℣. Bid-dgħufija ta' bnedmin li aħna ferejna l-qdusija tal-Knisja.
℟. *Aħfrilna, Mulej.*

℣. Fi tjubitek, aħfrilna d-dnubiet li għamilna kontra l-għaqda tal-familja tiegħek.
℟. *Aħfrilna, Mulej.*

℣. Miss qlubna u ibdel ħajjitna, Mulej.
℟. *Ismagħna, Mulej.*

℣. Ilqagħna hekk kif niġu quddiemek b'qalb niedma u sogħbiena.
℟. *Ħenn għalina, Mulej.*

℣. Ġeddidna, Mulej, u agħtina l-ferħ tal-preżenza tiegħek.
℟. *Ismagħna, Mulej.*

℣. Issa ejjew nitolbu lil Alla Missierna bil-kliem li għallimna Kristu nnifsu u nitolbuh għall-maħfra u l-ħarsien minn kull ħażen.
℟. *Missierna li inti fis-smewwiet...*

℣. Missier, għajn tal-ħajja, agħtina idek biex nimxu aktar faċilment fit-triqat tal-kmandamenti tiegħek. Dan nitolbuhulek bi Kristu Sidna.
℟. *Amen.*

## 9. Stedina għall-Qrar individwali

*Issa wasal il-mument biex wieħed jersaq lejn is-Sagrament tal-Qrar. Wara li wieħed ikun qerr, tajjeb li joqgħod għal mument fi skiet, jagħmel talba ta' ringrazzjament, u jekk inhu possibbli jagħmel it-tewba li jagħtih il-konfessur, imbagħad imur lura f'postu fis-skiet.*

## 10. Talba tal-Għeluq

℣. Mulej Alla tagħna, fl-ewwel jum tal-ħolqien int ħlaqt id-dawl li jeqred id-dlamijiet. Ħalli Kristu, id-dawl li jdawwal lill-ġnus, jiddi fuq din il-ġemgħa miġbura hawn illejla u jeħlisna mid-dlamijiet tad-dnub. Imla ħajjitna b'għemejjel tajba hekk li nħejju ruħna kif jixraq biex niltaqgħu ma' Ibnek li ġej. Dan nitolbuhulek bi Kristu Sidna.
℟. *Amen.*

## 11. Kant tal-għeluq

IV

# PROPOSTI GĦAL OMELIJI TA' ŻMIEN L-AVVENT

(imħejjija minn Dun Charles Buttigieg)

## L-1 Ħadd tal-Avvent – 30 ta' Novembru 2025

### NISHRU SABIEX NITTAMAW U NKUNU LESTI

***Iżaija 2:1-5; Rumani 13:11-14; Mattew 24:37-44***

**Avvent fis-Sena tal-Ġublew 2025**

L-Avvent huwa ż-żmien liturġiku li jinkludi l-erba' Ħdud ta' tħejjija għall-ġrajja tal-Milied u li bih tibda wkoll is-Sena Liturġika tal-Knisja. Il-kelma 'avvent' ġejja mil-Latin *adventus* li fil-lingwaġġ ċivili kienet tfisser il-wasla ta' persunaġġ nobbli u importanti; għalina l-Insara hija l-miġja ta' Sidna Kristu.

Żmien l-Avvent għandu karatteristika doppja; l-ewwel nett hu żmien ta' tħejjija għall-Milied, li fih titfakkar l-ewwel miġja tal-Iben ta' Alla fost il-bnedmin: "U l-Verb sar bniedem u għammar fostna…" (Ġw 1:14). Fl-istess waqt hu ż-żmien li fih in-Nisrani miexi f'din l-istennija tat-tama tat-Tieni Miġja ta' Kristu fl-aħħar taż-żminijiet, kif qiegħed ifakkarna l-Ġublew tat-Tama u kif ser ifakkarna wkoll l-Evanġelju tal-lum. L-Avvent, mela, huwa żmien ta' stennija lil Kristu f'atmosfera ta' tama, ta' ferħ u ta' ħeġġa, kif indikat bil-kulur liturġiku vjola ċar. Il-kulur vjola huwa l-kulur tar-rejiet u għalhekk regali, u d-drapp vjola kien meqjus bħala drapp li jiswa ħafna flus u rikk, għaliex il-produzzjoni tal-kulur vjola kienet tinvolvi proċess twil u delikat mill-estrazzjoni mill-bebbux tal-baħar fuq ix-xtajta ta' Tir. Fl-Avvent aħna nistennew lil Ġesù r-Re tar-rejiet. Dan jagħmel sens kbir fl-Avvent, għax min jishar u jkun ippreparat, jixxennaq waqt li jistenna, u mhux jibża'!

Dan mela għandu jkun l-atteġġjament tagħna l-Insara, xewqa u tama għal Kristu li ġej. Din kienet l-esperjenza tal-poplu tar-Rabta l-Qadima fl-istennija tiegħu għal sekli sħaħ għall-Messija, kif ukoll tal-ewwel

Insara fir-Rabta l-Ġdida. L-Avvent kien ukoll l-istennija materna tal-Madonna għat-twelid ta' Ġesù, u issa llum l-Avvent huwa l-istennija tagħna. F'din is-sena liturġika naqraw iċ-Ċiklu A tal-Ħdud, fejn ġeneralment fiż-Żmien ta' Matul is-Sena nisimgħu l-Evanġelju ta' San Mattew li huwa l-Evanġelju tas-Saltna tas-Smewwiet u tal-Knisja.

**Fl-Ewwel Qari** minn Iżaija 2:1-5 naraw l-intervent li jagħmel Alla biex jiġbor il-popli kollha f'familja waħda, fis-sliem tad-dar tiegħu, fis-saltna ta' dejjem. Dan huwa l-messaġġ ta' tama li jagħmel il-profeta Iżaija bin Għamos, fis-sekli 8 QK, fiż-żmien li s-saltna ta' Ġuda kienet mhedda. Fl-opra twila tiegħu naraw diversi orakli u profeziji messjaniċi, u għalhekk huwa wieħed mill-protagonisti tal-Avvent. Il-Mulej bil-Kelma tiegħu jġib is-sliem u jiġbor lill-ġnus kollha fil-belt qaddisa ta' Ġerusalemm, biex jimxu fid-dawl tiegħu: "Ejja, dar Ġakobb, ħalli nimxu fid-dawl tal-Mulej" (v. 5). Din hija tassew ix-xewqa tal-Knisja u tad-dinja sabiex ikollna l-paċi u s-sliem fost il-popli kollha. L-istennija tal-ferħ tal-Avvent hija espressa fis-Salm tal-pellegrinaġġ għal Ġerusalemm, is-Salm 121: "Immorru ferħana f'dar l-Mulej!".

**Fit-Tieni Qari** minn Rumani 13:11-14a naraw il-kapulavur teoloġiku ta' San Pawl fejn iħeġġeġ lill-ewwel Insara u llum lilna lkoll sabiex nilbsu d-dawl ta' Kristu u nwarrbu d-dlam tal-immoralità, għaliex is-salvazzjoni tagħna hija fil-qrib, u għalhekk sabiex ngħożżu ż-żmien li huwa wieħed salvifiku: "Il-lejl għoddu għadda u qorob il-jum. Inwarrbu mela l-għemil tad-dlam u nilbsu l-armi tad-dawl" (v. 12). Il-'lejl' fil-Bibbja huwa marbut mad-dnub, mal-ħażen u fuq kollox mal-ħalliel li jħarbat u jisraq. San Pawl jistedinna sabiex nilbsu (bil-Grieg *enduo*) u għalhekk 'inpoġġu tassew fuqna' d-Dawl ta' Kristu, ħalli niddawlu bih. Dan jiftiehem ħafna fit-talba tal-Avvent fil-Liturġija Biżantina: "Fina nfusna, ulied, hemm l-għajn li tibqa' miftuħa lejl u nhar li tħarisna".

**L-Evanġelju** ta' Mattew 24:37-44 jagħmel parti mill-kuntest tal-ħames u l-aħħar diskors, dak eskatoloġiku li nsibu fil-kapitli 24 u 25. Il-ħsieb tal-Evanġelju jesprimi b'mod ċar id-dimensjoni futura

marbuta mal-Avvent, jiġifieri li nistennew lil Kristu ġej u sabiex inkunu dejjem lesti: "Mela kunu lesti intom ukoll, għax qatt ma tistgħu tobsru s-siegħa li fiha jiġi Bin il-Bniedem" (Mt 24:44). L-Evanġelju ma jitkellimx dwar meta ser jseħħ 'Jum il-Mulej', li jiġi bħala sorpriża (ara 1 Tess 5:2; 2 Piet 3:10 u Apok 3:3); imma kif għandna nippreparaw ruħna għal dan il-Jum. Fil-fatt Ġesù juri dan kollu f'dan id-diskors eskatoloġiku, bi tliet parabboli li nsibu wara l-Evanġelju tal-lum: tal-qaddej fidil (24:45-51), tal-għaxar xebbiet (25:1-13) u tat-talenti (25:14-30). Kristu, għal min jemmen u jimxi fuq id-dawl tal-opri tiegħu, ma jnissilx biża', għaliex hu ġej biex jagħtina l-glorja tas-Sema. Imma rridu nkunu ppreparati dejjem u nittamaw, għaliex l-Għarus jista' jiġi matul il-lejl jew f'nofs il-lejl (*meses de nuktos*). Dak li nisimgħu u ngħixu kuljum fil-Kelma u fl-Ewkaristija għandna nistennew dejjem: "Ejja, Mulej Ġesù" (Apok 22:20); kif nistqarru lkoll bi tweġiba għall-Akklamazzjoni ta' wara l-Konsagrazzjoni fil-Quddiesa: "Inħabbru l-mewt tiegħek, Mulej, inxandru bil-ferħ il-qawmien tiegħek, nistennewk sa ma tiġi fl-glorja".

**Riflessjoni**

Għaliex għal darba oħra dan l-Avvent għalija? Kif ser ngħix spiritwalment dan iż-żmien liturġiku fit-tmiem tas-Sena Ġubilari? X'qed nistenna minnu? Qiegħed ngħin lil Kristu fil-proxxmu tiegħi kif jitlob minni l-Mulej? Ejjew mela nilbsu d-dawl ta' Kristu u nistennew Jum il-Mulej jisbaħ bid-dawl tiegħu ħalli jiżboq id-dlam tal-lejl li jgħaddi minn fuqna.

## It-2 Ħadd tal-Avvent – 7 ta' Diċembru 2025
### NINDMU U NITTAMAW FIS-SALTNA TA' ALLA LI WASLET

***Iżaija 11:1-10; Rumani 15:4-9 ; Mattew 3:1-12***

L-Avvent hu żmien ta' tama żgura tax-xewqa tagħna għal Kristu, imma fuq kollox irridu dejjem ninbidlu u nikkonvertu kif stedinna l-Papa Ljun XIV matul din is-sena tal-Ġublew. Hekk naraw **fl-Ewwel Qari**, fil-profezija messjanika ta' Iżaija 11:1-10 fejn Alla jiġġudika l-imsejknin skont il-ġustizzja: "Għad toħroġ fergħa miz-zokk ta' Ġesse, għad tinbet rimja minn għeruqu". Hawnhekk naraw it-tama ta' ħajja u armonija ġdida bil-wasla tal-Messija, is-Salvatur. Irridu dejjem niftakru wkoll li l-poplu ta' Alla fi żmien il-monarkija kien dejjem mhedded mill-imperi qawwija barranin kif rajna fl-episodji tal-eżilji kemm tas-Saltna ta' Fuq u wara dik ta' Isfel ukoll. Fuq din ir-rimja mis-siġra ta' Ġesse (Ġesse kien missier is-sultan David) jonfoħ l-Ispirtu ta' Alla sabiex jagħti nifs ta' ħajja ġdida u żmien ta' armonija u sliem. Din it-tama narawha wkoll fis-Salm 71: "Tħaddar f'jiemu l-ġustizzja".

**Fit-Tieni Qari** minn Rumani 15:4-9, San Pawl jistedinna għat-tama żgura: "Għalhekk ilqgħu lil xulxin, bħalma Kristu wkoll laqa' lilkom, għas-sebħ ta' Alla" (v. 7), u għalhekk iħeġġeġ għal din l-armonija ta' bejnietna u li nilqgħu lil xulxin f'dan l-Avvent. Fuq kollox dan hu li jrid minna l-Mulej u li salvana permezz ta' Kristu.

**Fl-Evanġelju** ta' San Mattew 3:1-12 għandna wkoll sejħa għall-bidla tal-qalb u l-konverżjoni li hija aspett ferm importanti ta' dan l-Avvent fejn qegħdin inħejju t-triq għall-Mulej: "Indmu, għax is-Saltna tas-Smewwiet waslet" (v. 2). Huwa messaġġ attwali u eskatoloġiku fl-istess ħin. Din kienet il-missjoni tal-Prekursur tal-Mulej, San Ġwann il-Battista: missjoni u sejħa għall-konverżjoni. Huwa l-leħen li jipprepara għall-Kelma ta' Alla, bħalma l-għarus jagħmel sabiex jiltaqa' mal-għarusa tiegħu. Anki l-ilbies sempliċi tal-Battista jesprimi din l-istess missjoni, fejn il-ħżiem tal-ġild madwar qaddu (ċintura) huwa simbolu tal-verità tal-leħen tiegħu u l-qorq juri l-umiltà fil-

missjoni tiegħu, li jiċċekken huwa biex jikber Kristu. Ġwanni l-Battista huwa l-profeta li emmen fil-Kelma tal-Mulej u għalhekk isejjaħ lil kulħadd għall-indiema.

Fil-fatt Ġesù beda l-missjoni pubblika tiegħu b'sejħa għall-konverżjoni: "Indmu u emmnu fil-Bxara t-Tajba" (Mk 1:15). Il-kelma Ebrajka għal 'konverżjoni' hija *xuv*, li tfisser 'terġa' lura', 'iddur', 'iddur lejn l-oriġni', mela ddur lejn Alla. Il-kelma Griega *metanoia* hi iktar profonda u tfisser 'bidla fil-ħsieb' (bil-Grieg *meta* li tfisser 'bidla', u *noeo* tfisser 'ħsieb'), mela bidla fil-mentalità, bidla fil-moħħ, bidla fil-'fissazzjoni', bidla fir-ruħ.

Il-konverżjoni hija fuq kollox sejħa sabiex dejjem nimmaturaw fil-fidi u niġġeddu fit-tama tagħna fi Kristu. L-Avvent huwa sejħa sabiex terġa' ddur lejn Alla b'qalbek kollha u b'moħħok kollu u tilqa' l-Kelma tiegħu għat-tiġdid tal-ħajja. Din għandha tkun it-tama tagħna lkoll. Ma nkunux mela bħall-Farizej u s-Sadduċej li ma laqgħux il-Kelma ta' Kristu: "Ja nisel il-lifgħat… Agħmlu mela frott xieraq ta' ndiema. U taħsbux li tistgħu tgħidu fikom infuskom: 'Għandna b'missier lil Abraham'…" (vv. 7-10). Is-serp huwa s-simbolu tal-qerq u tal-ħażen, ta' dawk li ma jaċċettawx il-pjan ta' Alla. Għalhekk, minkejja li kienu nisel Abraham, ma kinux qegħdin jilqgħu l-Kelma ta' Ġesù. Ejjew għalhekk ma naqgħux f'din in-nasba tal-ħażen aħna wkoll u nkunu attenti dejjem għal-Leħen veru, li hu dak ta' Alla.

**Riflessjoni**

Qed naħseb kif ser ninbidel f'dan l-Avvent? Liema huwa fil-konkret id-dnub tiegħi, il-vizzju tiegħi, dak li qiegħed itellifni mill-armonija fil-kuxjenza tiegħi u mill-għaqda mal-Mulej? Fejn u fuq min qiegħed inpoġġi t-tama tiegħi f'ħajti? Fuq l-ambizzjonijiet tiegħi? Fuq il-karriera, l-interessi personali, fuq il-flus, fuq l-edoniżmu tad-dinja, fuq l-ipokrezija jew fuq il-blata soda ta' Kristu? Żmien l-Avvent għandu jimliena b'tama tassew ġdida u bi ndiema sinċiera permezz tas-sagrament tal-qrar fuq kollox u nħejji qalbi u ruħi għall-miġja tal-Mulej Ġesù.

## Solennità tal-Immakulata Kunċizzjoni – 8 ta' Diċembru 2025
## MARIJA LI GĦEXET BIT-TAMA ĦAJJA L-EWWEL AVVENT

***Ġenesi 3:9-15,20; Efesin 1:3-6,11,12; Luqa 1:26-38***

Il-Knisja tħares lejn Marija li għexet l-ewwel Avvent veru fl-istennija tat-twelid ta' Ġesù u mimlija bil-grazzja li ġiet mifdija sa mit-tnissil tagħha, kif tgħid id-Domma tat-Tnissil bla Tebgħa tal-Verġni Marija fil-Bolla *Ineffabilis Deus* tal-Beatu Papa Piju IX fl-1854: "L-Imqaddsa Verġni Marija sa mill-ewwel mument tat-tnissil tagħha, bi grazzja u favur singulari ta' Alla li jista' kollox, f'ġieħ il-merti magħrufin minn qabel ta' Ġesù Kristu, is-Salvatur tal-bnedmin kollha, kienet għalkollox ħielsa minn kull tebgħa tad-dnub tan-nisel". Din id-domma ġiet imfakkra mill-Knisja 50 sena wara, fl-1904, fl-Enċiklika *Ad Diem illum lætissimum*, fl-1954 mill-Papa Piju XII fil-*Fulgens corona*, u fil-Konċilju Vatikan II fil-*Lumen gentium* fin-numru 59. Insibu wkoll l-Ittra appostolika *Alma parens* tal-Papa San Pawlu VI fl-1966.

Missirijiet il-Knisja tal-Lvant isejħu lil Omm Alla *Panaghia* – dik li hi kollha kemm hi qaddisa; u jqimuha bħala dik li kienet ħielsa minn kull tebgħa tad-dnub għax qisha magħġuna mill-Ispirtu s-Santu u magħmula ħolqien ġdid. Skrizzjoni bikrija Nisranija tat-tieni seklu b'rabta ma' Abercius, l-Isqof ta' Hierapolis, titkellem fuq il-Madonna bħala l-Verġni bla tebgħa (bil-Grieg *parthenos agne*). B'rabta mal-qdusija tal-Madonna u l-ħelsien tagħha għalkollox minn kull tebgħa tad-dnub it-Tradizzjoni tal-Lvant tuża t-titlu Grieg ta' *Panamonos*. San Ġustinu Martri u Filosfu (m. 165 WK) jgħidilna: "Eva hija l-omm tal-umanità midinba, Marija bl-ubbidjenza saret Omm il-bnedmin mifdija. Marija hija l-ġenna verġinali mħarsa mis-saħta ta' Alla" (ara *Djalogi* 100). San Irinew ta' Lyons (m. 202 WK) jgħid: "L-għoqda tad-diżubbidjenza ta' Eva nħallet bl-ubbidjenza ta' Marija, dak li rabtet Eva bin-nuqqas ta' fidi tagħha ħallitu Marija bil-fidi tagħha" (ara PG 7, 958). San Epifanju ta' Ċipru (310-404) jgħid li Marija kienet dik in-nagħġa immakulata li nisslet il-Ħaruf Ġesù. San Amfilokiju ta' Ikonju fir-4 seklu jgħidilna li Marija hija dejjem verġni (bil-Grieg *aeiparthenos*) u mingħajr ħażen (*achrantos*). Għandna fuq kollox id-

Domma tat-Theotokos, Marija Omm Alla, fil-Konċilju ta' Efesu nhar it-22 ta' Ġunju 431. San Efrem, San Ambroġ, Santu Wistin, San Massimu ta' Turin u Sant'Andrija ta' Kreta għallmu l-istess tagħlim dwar Marija Immakulata. Hija s-Santwarju Qaddis tal-Ispirtu s-Santu, kif jgħidilna San Ġwann Damaxxenu.

San Ġermanu ta' Kostantinopli (635-733) jindirizza lill-Madonna bit-titlu 'L-Iktar Immakulata' (bil-Grieg *panachrante*). B'rabta mal-Festa tal-Immakulata fis-seklu 8 insibu wkoll il-Kommemorazzjoni ta' Sant'Anna, Omm dik li nisslet lil Alla. L-Imperatur Biżantin Ljun IV il-Filosfu (896-903) ried li l-Festa ta' Marija Immakulata tinxtered fl-imperu kollu tiegħu. Fil-fatt din il-Festa tal-Kunċizzjoni diġà nsibuha fil-kunventi tal-Palestina sa mis-seklu 8. Il-Festa tal-Kunċizzjoni fit-8 ta' Diċembru nsibuha wkoll fid-9 seklu fil-monasteri Benedettini ta' Winchester u Worcester, imwaqqfin minn Etelwold. Fis-sena 1139 insibu l-Festa tal-Kunċizzjoni f'Lyons, fi Franza. Insibu wkoll il-Festa tal-Immakulata fil-Monasteru ta' St Albans fl-Ingilterra fis-sena 1146.

San Anselmu (1033-1109) jgħidilna li Marija hi verament imlibbsa bil-kwiekeb, hi verament dawl għall-ħolqien, hi barka li jitbierek biha kulħadd: "Bik mhux biss il-ħolqien jitbierek mill-Ħallieq, iżda wkoll il-Ħallieq jitbierek mill-ħolqien. Alla nissel lil dak li bih sar kollox. Marija wildet li dak li bih ġie salvat kollox". Insemmu fuq kollox id-Duttur tal-Immakulata, l-Iskoċċiż Franġiskan il-Beatu Ġwanni Duns Scotus (1226-1308), li tkellem dwar ir-redenzjoni speċjali ta' Marija u li kienet mifdija minn qabel minn Binha Ġesù: "Kienet ħaġa xierqa li Omm il-Feddej tkun ħielsa mill-ħakma tad-dnub u ta' Satana sa mill-ewwel waqt tal-eżistenza tagħha; kien fis-setgħa ta' Alla li jagħtiha dan il-privileġġ, mela tahulha" (ara Kol 1:16). Il-Franġiskani fil-Kapitlu Ġenerali tal-1263 komplew saħħew din il-festa sabiex ixerrduha mad-dinja kollha. Il-festa nsibuha meta l-Papat kien fi Franza f'Avignon fis-sena 1330. It-tagħlim kompla jissaħħaħ permezz tal-Isqof martri San Pietru Pascasio fl-1300; il-martri Raimondo Lullo fl-1315; fl-1435 Giovanni di Romiroy; imsaħħaħ f'Bażileja fl-1436 fejn kien hemm il-Franġiskan Ġwanni Aymerici u l-Arċidjaknu ta' Villaviciosa Ġwanni ta' Segovja; mill-Papa Franġiskan Sistu IV fl-

1476 bil-Kostituzzjoni *Cum præexcelsa*; Kosma l-Melodi; il-Konċilju ta' Trento fl-1545 fil-persuna tal-Kardinal Pacheco; il-Papa Piju V fl-1568; Pawlu V fl-1617; Girgor XV fl-1622; il-Papa Alessandru VII bid-Digriet *Sollicitudo omnium ecclesiarum* fis-sena 1661; u San Leonardu ta' Portomaurizio.

Il-Maġisteru tal-Knisja dan l-aħħar seklu u nofs ta importanza kbira lit-tagħlim dwar il-Madonna, kif insibu fl-Ittra appostolika *Ineffabilis Deus* tal-Papa Piju IX; l-Ittra enċiklika *Octobri mense* tal-Papa Ljun XIII; l-Ittra enċiklika *Ad diem illum* tal-Papa Piju X; l-Ittra appostolika *Inter sodalicia* tal-Papa Benedittu XV; l-Ittra enċiklika *Lux veritatis* tal-Papa Piju XI; l-Ittra enċiklika *Haurietis aquas* u l-Kostituzzjoni appostolika *Munificentissimus Deus* tal-Papa Piju XII; l-Ittra enċiklika *Grata recordatio* tal-Papa San Ġwanni XXIII; il-Kostituzzjoni dommatika *Lumen gentium* tal-Konċilju Vatikan II; l-Eżortazzjoni appostolika *Marialis cultus* u l-Eżortazzjoni appostolika *Signum magnum* tal-Papa San Pawlu VI; u l-Enċiklika *Redemptoris Mater* u l-Ittra appostolika *Rosarium Virginis Mariæ* tal-Papa San Ġwanni Pawlu II.

**Riflessjoni**

Jaqbel ħafna li niċċelebraw is-Solennità tal-Immakulata Kunċizzjoni proprju fil-bidu tal-Avvent, li hu preparazzjoni għal Kristu permezz tal-Ispirtu s-Santu. Hekk għamlet ukoll Marija li, mimlija bl-Ispirtu, f'Santwarju Immakulat aċċettat lil Kristu. Din l-istorja ta' mħabba li rajna f'Marija, Alla jagħmilha wkoll magħna, għalkemm żgur b'mod differenti. Aħna wkoll inġorru fina storja ta' vokazzjoni, aħna li bl-Ispirtu ħaj aċċettajna lil Kristu u nimxu warajh. Ejjew għalhekk nitfgħu l-ħarsa tagħna lejn Marija Immakulata, nintrabtu mal-ankra soda tagħha, u t-tama tagħna tkun żgura f'din l-istorja famuża ta' mħabba: "Int ħarsien żgur tal-verġni, Verġni u Omm ta' dawk kollha li jsejħulek bħala wlied. Għax hekk għamlek is-Sultan tal-art u s-sema, meta ġie f'tiegħek il-ħdan u stedinna biex ngħannulek, Immakulata" (mill-Innu tal-Madonna *Akathistos*).

## It-3 Ħadd tal-Avvent: 14 ta' Diċembru 2025
## NISTENNEW BIL-FERĦ U BIT-TAMA LIL KRISTU

***Iżaija 35:1-6a,10; Ġakbu 5:7-10; Mattew 11:2-11***

Dan it-Tielet Ħadd tal-Avvent huwa msejjaħ 'Ħadd il-Ferħ' kif jesprimi l-kulur tax-xemgħa roża tal-mejda jew is-siġra tal-Avvent. Il-kulur jesprimi l-imminenza tal-miġja tal-Mulej, ix-Xemx tal-ġustizzja fix-xefaq, u għalhekk għandna lkoll nifirħu ma' Kristu li jinsab tassew fil-qrib.

**L-Ewwel Qari** minn Iżaija 35:1-6a,10 jesprimi b'mod ċar il-ferħ messjaniku: il-Messija ġej sabiex isalvana lkoll. Dan esperjenzah il-poplu ta' Alla wara l-ħakmiet tal-Assirja u ta' Babilonja fl-esperjenza tal-libertà ta' Ċiru tal-Persja u r-ritorn tal-poplu lejn Iżrael. It-tama tagħna ssir verament espressjoni Nisranija ta' ferħ u ħeġġa. Dan huwa l-ferħ tal-Knisja f'dan iż-żmien li bħala omm tistenna, tixxennaq, sabiex tagħtina l-ħajja mill-ġdid permezz ta' Kristu. Għalhekk fis-Salm 146 nistqarru: "Ejja, Mulej, ħa ssalvana".

**It-Tieni Qari** minn San Ġakbu 5:7-10 jesprimi dan is-sabar u x-xewqa fil-kenn li jagħtina l-Mulej: "Stabru intom ukoll, qawwu qalbkom, għax il-miġja tal-Mulej hi fil-qrib" (v. 8). Aħna ħafna drabi ma nafux nistennew u għalhekk inbatu f'ħajjitna, bħal donnu għandna xi stopwatch ma' Alla, u ngħaġġluh kemm jista' jkun għaliex aħna dejjem mgħaġġlin. Ejjew inħallu lil Alla jaħdem bil-mod tiegħu. Huwa jaf tassew x'inhu l-aħjar għalina. In-Nisrani huwa dak li jaf jistenna, jishar, iqawwi qalbu u jafda f'Alla. *"In His time and in His way"*, kien iħobb jgħallem il-Qaddej ta' Alla Dun Mikiel Attard.

**Fl-Evanġelju** minn Mattew 11:2-11 naraw lil Ġesù jitkellem fuq Ġwanni l-Battista, li fuqu hemm miktub: "Ara, jien nibgħat il-ħabbar tiegħi qablek, hu jħejjilek it-triq quddiemek" (v. 10). Għal darb'oħra jidher il-persunaġġ tal-Battista li huwa figura tassew importanti tal-Avvent. Il-Battista huwa l-aħħar profeta li jistieden lill-bnedmin biex iħejju t-triq tal-Mulej: "Morru agħtu lil Ġwanni l-aħbar ta' dak li

smajtu u rajtu: l-għomja jaraw, iz-zopop jimxu, l-imġiddmin ifiqu, it-torox jisimgħu, il-mejtin iqumu, u l-Bxara t-Tajba titħabbar lill-fqar" (vv. 5-6).

Li l-għomja jaraw huwa wieħed mill-mirakli l-aktar komuni li jwettaq Ġesù. Il-bniedem ħafna drabi huwa għami minħabba d-dnub tiegħu, minħabba l-ideat li jkollu, u għalhekk aħna lkoll għandna nitolbu lil Ġesù sabiex ifejjaqna ħalli nibdew naraw tassew dak li hu veru. Ġesù ġej proprju biex jagħtina dan id-dawl u jurina t-triq tal-Missier u r-rieda tiegħu. Naċċettaw mela lil Kristu u nwarrbu kull dubju. Nistgħu wkoll inkunu zopop fil-mixja tagħna ta' ħajjitna u għalhekk nitolbu lill-Mulej sabiex ifejjaqna, aħna bħala pellegrini lejn id-dar tal-Missier: "…inqum u mmur għand Missieri" (Lq 15:18). Nistgħu nkunu wkoll bħall-imġiddmin minħabba d-dnub tagħna, u għalhekk ninsabu 'l bogħod mill-komunjoni li titlob minna l-Knisja.

Ġesù ġej biex jagħtina ħajja mill-ġdid u jinkorporana mill-ġdid fil-familja tal-Missier. Nistgħu wkoll inkunu torox b'mod partikulari għall-Kelma ta' Alla, ngħidu aħna, ma nattendux għal-laqgħat dwar il-Kelma ta' Alla fil-parroċċi tagħna u ma nkunux attenti għall-bżonnijiet tal-proxxmu. Għalhekk hemm bżonn li nerġgħu ngħaddu minn din l-esperjenza tal-Avvent, għaliex jista' jkun li nkunu mejta spiritwalment u għalhekk għandna bżonn ħajja mill-ġdid.

Din ix-xewqa għal Kristu hija tama żgura tal-ferħ tagħna fi Kristu, kif ipprovajna nimxu s'issa f'dan l-Avvent, biex verament niltaqgħu u nirċievu lill-Mulej fil-qalb tagħna f'dan il-Milied li jinsab issa fix-xefaq.

**Riflessjoni**

Qiegħed nistenna verament bil-ferħ lill-Mulej f'dan l-Avvent? Jew ir-ritmu sfrenat tal-ħajja qed iħallini bla dawl, bla saħħa, bla ħeġġa u bla ħajja? X'tip ta' ferħ hemm fil-ħajja tiegħi: il-ferħ veru Nisrani, il-ferħ tal-Mulej, jew il-ferħ tal-Facebook, tal-intelliġenza artifiċjali, u dak kollu li huwa illużjoni? Jew forsi m'aħniex kapaċi nifirħu għaliex is-soċjetà tal-lum ma tafx tifraħ verament iżjed. Jalla qegħdin nistennew

verament dan il-ferħ ġej fuqna, għaliex is-Salvatur tagħna jinsab tassew fil-qrib: “Ejja, Mulej, ħa ssalvana”.

## Ir-4 Ħadd tal-Avvent - 21 ta' Diċembru 2025
### NISTENNEW U NITTAMAW FIT-TWELID TAL-FEDDEJ

***Iżaija 7:10-14; Rumani 1:1-7; Mattew 1:18-24***

**Fl-Ewwel Qari** minn Iżaija 7:10-14 għandna l-profezija fil-kuntest storiku tar-Re Aħaż sabiex jittama f'Alla biss, dwar il-missjoni tal-Madonna fil-pjan tas-salvazzjoni: "Arawha, ix-xebba ssir omm u jkollha iben u ssemmih Għimmanu-El, għax Alla magħna" (v. 14). Bejn Alla u l-Madonna seħħet l-isbaħ storja ta' mħabba, u għalhekk il-Madonna, kif ifisser l-isem tagħha, hija l-maħbuba u l-magħżula ta' Alla. Marija hija l-figura per eċċellenza tal-Avvent għaliex kienet hija li għexet l-ewwel Avvent veru, Avvent matern, stennija ta' omm għat-twelid ta' Binha. Dan hu s-sabiħ ta' Alla tagħna, li sar bħalna f'kollox minbarra d-dnub, u għażel li jitwieled bħalna minn omm, omm speċjali, Marija Santissma, Omm Alla u Ommna lkoll. Għalhekk, Alla li hu magħna u mhux 'il bogħod, jinsab fostna tassew, u għalhekk għandna nistednuh flimkien mas-Salm 24: "Ħa jidħol il-Mulej: hu s-Sultan tal-glorja".

**Fit-Tieni Qari** minn Rumani 1:1-7 naraw il-ħsieb ta' San Pawl dwar Kristu li hu Bin David bħala bniedem u Bin Alla, u dan San Pawl jurih sa mill-bidu ta' din l-ittra li huwa jikteb lill-komunità Nisranija f'Ruma, fejn kien hemm diversi pagani. Għalhekk huwa jħeġġeġ il-fidi f'Ġesù Kristu li hija importanti għas-salvazzjoni: "Fosthom tinsabu intom ukoll, imsejħin biex tkunu ta' Ġesù Kristu" (v. 6), li "f'ħadd ħliefu ma hemm salvazzjoni" (Atti 4:12).

**Fl-Evanġelju** minn Mattew 1:18-24 għandna t-tħabbira mill-anġlu tal-Mulej lil San Ġużepp li l-isem tiegħu jfisser 'Alla jkattar', kif naraw tajjeb fil-ġrajja tat-twelid ta' Ġużeppi tat-Testment il-Qadim, it-tifel ta' Ġakobb u Rakel. Bħal Ġakobb, anki Ġużeppi tat-Testment il-Ġdid jiġi mnebbaħ fil-ħolm bil-pjan ta' Alla. Dan kollu jseħħ fis-skiet tal-lejl bħal Samwel. Dan kollu jikkonferma li wieħed għandu jishar u jkun attent għall-vuċi ta' Alla fil-mumenti kollha tal-ħajja. U għalhekk kull deċiżjoni f'ħajjitna għandha tkun imdawla mill-fidi.

Naraw mela li wara 40 ġenerazzjoni minn Ġakobb u Rakel tat-Testment il-Qadim (in-numru 40 fil-Bibbja dejjem ifisser żmien ta' milja) jitwieled Ġużeppi minn Ġakobb tat-Testment il-Ġdid (ara Mt 1:16). Twieled dak li issa mhux biss isalva lil ħutu mill-ġuħ, imma dak li saħansitra jiddefendi lil Ġesù s-Salvatur tad-dinja mill-qilla ta' Erodi, u għalhekk Alla nnifsu jafdalu żewġ teżori kbar minn tiegħu: lil Ġesù u lil Marija. Ġużeppi, bin David, ir-raġel ta' Marija, hu l-bniedem ġust (bil-Grieg *dikaios*), jiġifieri l-bniedem li jagħraf jagħmel ir-rieda ta' Alla u għalhekk jakkwista l-fiduċja tiegħu. Huwa veru li fl-Evanġelji ma għandniex kelma waħda miktuba milli qal San Ġużepp, iżda dan għaliex qabel ma nkitbu dawn il-vrus tal-Evanġelji kien hemm diġà 'evanġelju ieħor' miktub fil-qalb ta' San Ġużepp, l-'evanġelju tas-skiet u tal-umiltà', l-evanġelju tad-dar ta' Nazaret, 'evanġelju' mimli tant kliem ta' mħabba minn fomm San Ġużepp. Nistgħu nimmaġinaw ftit li żewġ kelmiet li kien ilissen San Ġużepp u li kien jgħidhom tant drabi matul il-ġurnata kienu l-ismijiet ta' Ġesù u ta' Marija. Jalla aħna wkoll inkunu ħbieb ta' Kristu u tal-Madonna.

Ejjew mela nilqgħu lil Kristu, għaliex miegħu dejjem rebbeħin: "Jekk Alla huwa magħna, min jista' jkun kontra tagħna?" (Rum 8:31); u, "Ara, jiena magħkom dejjem, sal-aħħar taż-żmien" (Mt 28:20).

**Riflessjoni**

Qed insib ftit skiet fost l-istorbju ta' din id-dinja biex nisma' l-vuċi ta' Alla? Għaliex niċċelebraw il-Milied sena wara sena? Xi jfisser għalija l-Milied li ser niċċelebraw din is-sena? San Efrem, Djaknu, jgħid li l-imħuħ finiti tagħna qatt ma jistgħu jifhmu għalkollox il-misteri ta' Alla. Dak li wieħed ma jifhimx f'sena, jista' jifhmu s-sena ta' wara. Kif kien iħobb jgħidilna fis-Seminarju l-Qaddej ta' Alla Dun Mikiel Attard, ejjew nagħmlu minn dan il-Milied tal-2025 *'a holy day'*, jum qaddis, u mhux Milied *'holiday'*, vaganza!

Quddiem din il-ġrajja hekk kbira tat-Twelid tal-Messija aħna lkoll illum imsejħa bħar-ragħajja u l-Maġi biex immorru Betlehem fid-'Dar tal-Ħobż', jiġifieri fid-Dar tal-Mulej, biex aħna lkoll nadurawh.

V

# KALENDARJI TAL-AVVENT GĦAT-TFAL 2025



**Avvent 2025…Mixja lejn it-twelid ta' Ġesù Bambin**

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| **30 Nov.** *L-Ewwel Ħadd tal-Avvent* Nixgħel l-ewwel xemgħa li tirrappreżenta t-**tama** | **1 Diċ.** Nitlob għall-ħbieb tiegħi biex f'dan l-Avvent jersqu lejn Ġesù biex ikollhom Milied sabiħ. | **2 Diċ.** Illum ngħid dan il-kliem: **Grazzi, Skużani, Jekk Jogħġbok** | **3 Diċ.** Illum ngħid din it-talba: **Grazzi Sinjur Alla u Aħfirli Sinjur Alla.** | **4 Diċ.** Nitlob għall-Papa Ljun XIV sabiex jgħinni nħobb lil Ġesù. | **5 Diċ.** Nagħti daqqa t'id fid-dar. | **6 Diċ.** Illum nagħti xi ħaġa mill-flus tiegħi għall-foqra. |
| **7 Diċ.** *It-Tieni Ħadd tal-Avvent* Nixgħel it-tieni xemgħa li tirrappreżenta l-**paċi** | **8 Diċ.** Illum il-Festa tal-Kunċizzjoni. Nitlob talba speċjali lill-Madonna. | **9 Diċ.** Insib ftit ħin u nisma' jew inkanta xi *songs* tal-Milied. | **10 Diċ.** Ngħaddi aktar ħin mal-ġenituri jew ma' dawk li jieħdu ħsiebi. | **11 Diċ.** Ngħaddi ftit ħin quddiem Ġesù Sagramentat fil-kappella tal-Ewkaristija | **12 Diċ.** Inpoġġi Presepju żgħir fil-kamra. | **13 Diċ.** Nara xi film mal-familja dwar l-istorja tal-Milied. |
| **14 Diċ.** *It-Tielet Ħadd tal-Avvent* Nixgħel it-tielet xemgħa li tirrappreżenta l-**ferħ** | **15 Diċ.** Illum tibda n-Novena tal-Bambin. Nagħmel mezz biex immur kuljum. | **16 Diċ.** Nibda nipprepara kartolina għal xi anzjan b'messaġġ sabiħ tal-Milied. | **17 Diċ.** Nitlob għall-ġenituri u għal dawk kollha li jieħdu ħsiebi. | **18 Diċ.** Illum inkun ta' għajnuna għal xi ħadd li m'għandux min jgħinu | **19 Diċ.** Inċempel jew nibgħat messaġġ lil xi ħabib/a li ilni ma nara. | **20 Diċ.** Immur inqerr biex nippreara għall-Milied. |
| **21 Diċ.** *Ir-Raba' Ħadd tal-Avvent* Nixgħel ir-raba' xemgħa li tirrappreżenta l-**imħabba** | **22 Diċ.** Nitlob għal dawk li huma morda fid-djar u l-isptarijiet. | **23 Diċ.** Nirringrazzja lil Ġesù tan-Novena tal-Bambin. | **24 Diċ.** Illum immur mal-familja l-quddiesa ta' Nofsillejl | **25 Diċ.** Illum jum il-Milied. Nifraħ flimkien mal-familja għax twieled fostna Ġesù Bambin. | **Talba:** **Bambin ċkejken bin Marija, Ejja twieled fil-qalb tiegħi.** | |

# Kalendarju Avvent 2025

| IL-ĦADD | IT-TNEJN | IT-TLIETA | L-ERBGĦA | IL-ĦAMIS | IL-ĠIMGĦA | IS-SIBT |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 30<br>**L-Ewwel Ħadd tal-Avvent**<br>Nixgħel l-ewwel xemgħa li tirrappreżenta t-**tama**. | 1<br>Nitlob għall-ħbieb tiegħi biex f'dan l-Avvent jersqu lejn Ġesù biex ikollhom Milied sabiħ. | 2<br>Illum niftakar ngħid: **Grazzi, Skużani, Jekk Jogħġbok** | 3<br>Nitlob għall-fehma u l-bżonnijiet ta' Papa Ljun XIV. | 4<br>Infaddal il-flus li kont se nuża biex nixtri xi ħaġa li nħobb u nagħtihom lil xi ħadd fil-bżonn. | 5<br>Ngħin fix-xogħol tad-dar. | 6<br>**San Nikola**<br>Aqra l-istorja ta' dan il-qaddis u ara x'jolqtok mill-ħajja tiegħu. |
| 7<br>**It-Tieni Ħadd tal-Avvent**<br>Nixgħel it-tieni xemgħa li tirrappreżenta l-**paċi**. | 8<br>Illum il-Festa tal-**Kunċizzjoni**. Nitlob talba speċjali lill-Madonna. | 9<br>Naqsam xi ħaġa għal qalbi ma' ħaddieħor. | 10<br>Nikteb lista ta' affarijiet li nixtieq nirringrazzja lil Ġesù tagħhom. | 11<br>Nitlob biex kulħadd jagħraf x'jixtieq Alla minnu fil-ħajja u li nkunu kuntenti. | 12<br>Inkellem lil xi ħadd l-iskola li normalment ninjorah. | 13<br>Illum nara *film* tal-Milied mal-familja biex inqattgħu aktar ħin flimkien. |
| 14<br>**It-Tielet Ħadd tal-Avvent**<br>Nixgħel it-tielet xemgħa li tirrappreżenta l-**ferħ**. | 15<br>Illum tibda n-Novena tal-Milied. Nagħmel mezz biex nattendi kuljum. | 16<br>Illum ngħid din it-talba: **Grazzi Sinjur Alla u Aħfirli Sinjur Alla.** | 17<br>Niftakar u nitlob f'dawk kollha li jgħinuni f'ħajti. | 18<br>Illum nipprova ma ngergirx u naprezza dak li għandi. | 19<br>Inżur lin-nanniet u ngawdi ftit ħin magħhom. | 20<br>Immur inqerr biex nipprepara ruħi għall-Milied, jekk ma nistax inqerr nitlob maħfra lil Alla. |
| 21<br>**Ir-Raba' Ħadd tal-Avvent**<br>Nixgħel ir-raba' xemgħa li tirrappreżenta l-**imħabba**. | 22<br>Nitlob għal dawk kollha li se jqattgħu l-Milied fl-isptar jew il-bogħod mid-dar. | 23<br>Naqsam dak li tgħallimt fin-novena ma' xi ħadd. | 24<br>Illum nieħu sehem mal-familja fil-quddiesa ta' nofsillejl. | 25<br>Illum jum il-**Milied**! Nifraħ flimkien mal-familja għax twieled Ġesù Bambin. | | **Talba:**<br>**Bambin ċkejken bin Marija, ejja twieled ġewwa fija.** |

VI

# PROPOSTA KATEKETIKA GĦAN-NOVENA TAL-MILIED 2025

***"U waqt li kien fuq il-mejda magħhom" (Lq 24:30)***

**Modi ta' kif Alla jkun magħna**

(imħejjija minn Mons. Joseph Sultana, Segretarju Pastorali, b'noti addizzjonali mill-Parroċċa Ta' Sannat)

## L-1 Jum tan-Novena: 15 ta' Diċembru

### ALLA TAGĦNA JISMU GĦIMMANU-EL, ALLA MAGĦNA

- **Tema:** Alla mhux imbiegħed imma magħna. Alla u l-bniedem mhumiex l-oppost ta' xulxin.

- **Skrittura:** "Ara, ix-xebba tnissel u jkollha iben, u jsemmuh Għimmanu-El, li bi lsienna jfisser 'Alla magħna'" (Mt 1:23).

- **Riflessjoni:**

Ġesù jiġi fostna u joqgħod magħna biex jaqsam magħna dak kollu li huwa tagħna. Dan billi deher fostna bħala tarbija ċkejkna u dgħajfa. Il-kobor ta' Alla jiċċekken u jiddgħajjef sabiex jilħaqna u jsalvana. Ir-ragħajja ta' Betlehem jingħad għalihom li "marru mela mingħajr telf ta' żmien u sabu lil Marija u lil Ġużeppi u lit-tarbija minduda fil-maxtura" (Lq 2:16).

Il-kelma "sabu" tindika skoperta/sejba. Fil-fatt, waqt li kienu jistrieħu mal-merħliet tagħhom, ir-ragħajja ma kinux jafu li kien wasal iż-żmien imħabbar mill-profeti, u li kellu jseħħ f'dak il-lejl; u li kellu jseħħ qrib tal-post fejn kienu.

Ir-ragħajja kienu l-ewwel li sabuh – bħallikieku kienet skoperta kbira: "Sabu lil Marija u lil Ġużeppi u t-tarbija li kienet mimduda fil-maxtura", u mbagħad: "…marru, jigglorifikaw u jfaħħru lil Alla għal

dak kollu li kienu raw u semgħu, bħalma kien ingħad lilhom" (Lq 2:16-20). Il-wasla tagħhom fl-għar kienet ir-riżultat tat-tiftix tagħhom, misjuqin mill-aħbar li tahom l-anġlu.

Il-bniedem dejjem ifittex – mhux biss meta jitlef xi ħaġa li hija utli jew għażiża għalih, imma fuq kollox ifittex is-sens tal-ħajja umana kollha. Il-bniedem huwa bniedem daqskemm ifittex lil Alla. Il-qalb ta' kull bniedem għandha t-toroq tat-tiftixa li kultant huma sempliċi u fil-qrib, u drabi oħra toroq diffiċli u mbiegħda. Kollha kemm aħna nistgħu nirrakkontaw dak li ġarrabna fit-tfittxija, kif fittxejna, kif tlifna d-direzzjoni u kif erġajna sibnieha mill-ġdid. Inqdejna bid-dawl tar-raġuni biex naslu għand Alla, imma nintebħu li din twassalna biss fuq l-għatba u ma tippermettilniex li nidħlu ġewwa u nsiru nafu tassew lil Alla.

Kien għalhekk li Alla ried idawwalna billi joqrob lejna. Jekk ir-ragħajja jsibuh u jiskopruh, dan għaliex ix-xewqa tagħhom hija wkoll ix-xewqa ta' Alla l-veru li jkun magħna u fostna. Għaliex ġie fid-dinja? Huwa ġie fid-dinja sabiex ikunu jistgħu jsibuh il-bnedmin li jfittxuh. Bħalma sabuh ir-ragħajja fl-għar ta' Betlehem. Ġesù ġie fid-dinja biex jirrivelalna d-dinjità tat-tiftixa ta' Alla, li huwa l-bżonn l-iktar profond tal-bniedem. Dan kien il-pass l-aktar azzardat min-naħa ta' Alla sabiex jiltaqa' mal-bniedem li jfittex.

Kien Alla nnifsu li meta ħalaq lill-bniedem, naqqax fil-qalb tiegħu din ix-xewqa li jara lil Alla. Il-bniedem mhux dejjem jieħu ħsieb din ix-xewqa, u jfittex li jaqtagħha bi ħwejjeġ oħra, bil-konsegwenza li jidħol f'kuntradizzjoni miegħu nnifsu. Minkejja dan, Alla ma jiqafx jiġbed lill-bniedem lejh, u jfittxu sabiex jintebaħ li l-milja tal-ferħ u tal-ħajja jinsabu biss f'Alla. Alla u l-bniedem mhumiex kuntrarji għal xulxin, imma l-bniedem jasal fil-milja tal-ħajja meta jkollu lil Alla. Il-bniedem "kapaċi" jidħol f'komunjoni ma' Alla li tagħti lill-bniedem id-dinjità vera tiegħu. Mingħajr Alla, il-bniedem ikun jonqsu ħafna!

Għalhekk l-isem ta' din it-tarbija jurina dan kollu.

San Mattew fi tmiem il-ktieb tan-nisel ta' Ġesù jikkwota lill-profeta Iżaija: "Ara, ix-xebba tnissel u jkollha iben, u jsemmuh Għimmanu-El', li bi lsienna jfisser 'Alla magħna'" (1:23s). Hawn Mattew jikkwota lil Iżaija 7:14, meta fi żmien is-sultan Aħaż, sultan ta' Ġuda, fis-seklu 6 QK, is-Saltna ta' Fuq imsieħba mas-saltna ta' Aram tas-Sirja niżlet biex teqred il-belt ta' Ġerusalemm f'dik li hija msejħa l-Gwerra Siro-Efrajmita. Quddiem din it-theddida s-sultan Aħaż kien tant imbeżżża' li ma riedx li joqrob lejn martu, li kien għadu kif iżżewweġ, sabiex ikollhom it-tfal. Din l-għażla li għamel Aħaż poġġiet fi kriżi l-wegħdiet li saru mill-profeti marbutin mal-Messija li kellu jitwieled mill-familja ta' David, għaliex konsegwenza ta' din id-deċiżjoni mhux ser tkompli l-linja Davidika. Imma Iżaija jintervieni quddiem is-sultan Aħaż u jħeġġu biex jitlob sinjal mingħand Alla. Is-sultan jiċħad milli jagħmel dan, u għalhekk is-sinjal jagħtihulu Alla nnifsu meta l-profeta jwassallu l-profezija li martu ser titqal u jkollha iben, u jkun sinjal li s-saltna għad fadlilha ġejjieni. L-isem li jingħata huwa sinjal fih innifsu: it-tifel li jitwieled lil Aħaż ser ikun sinjal ta' Alla preżenti u qrib il-poplu tiegħu. Isem dan it-tifel huwa garanzija li Alla ser jipproteġi lil Ġerusalemm u jeħlisha minn dan l-assedju li fil-fatt ma jseħħx. Din il-profezija, għalkemm titwettaq f'iben Aħaż, Ħeżekija, tibqa' miftuħa lejn il-ġejjieni sakemm titwettaq b'mod sħiħ u perfett fi Kristu, kif jindika San Mattew meta jikkwota lil Iżaija 7:14.

Għimmanu-El huwa isem imsawwar minn żewġ kelmiet: *Imanu*, li tfisser 'magħna', u *El*, li hija l-abbrevjazzjoni ta' *Elohim*, l-isem bibliku għal Alla. Għaldaqstant Għimmanu-El tfisser 'Alla magħna' jew 'Alla fostna'. Dan l-isem jindika n-natura ta' Alla tagħna, għaliex fil-mentalità Lhudija l-isem jirrikonoxxi l-karattru u l-missjoni tal-persuna. Dan l-isem jerġa' jikkonfermah Mattew lejn it-tmiem tal-Vanġelu tiegħu: "U ara, jiena magħkom dejjem, sal-aħħar taż-żmien" (28:20). Il-pass li għamel Alla ma jreġġgħu qatt lura u jibqa' mal-bniedem biex jaqsam miegħu kollox.

Inħallu f'dan il-Milied li nagħrfu dejjem aktar li x-xewqa ta' Alla hija li jkun magħna, u nfittxu li nqarrbu x-xewqa tagħna wkoll biex tiltaqa' ma' dik tiegħu u nkunu flimkien. Ħalli dan il-Milied jorbotna aktar

flimkien ma' Alla li jixtieq dejjem u f'kollox ikun magħna. Kif tenna San Pietru quddiem is-Sinedriju: "Imkien taħt is-sema ma hemm isem ieħor mogħti lill-bnedmin li bih aħna għandna nkunu salvi" (Atti 4:12), ħlief l-isem tal-Għimmanu-El.

- **Applikazzjoni għat-tfal u l-familji:**

Fil-bidu tan-Novena t-tfal jistgħu jingħataw isem ta' anzjan/a (li jinsabu waħedhom, jew li jinsabu l-isptar jew li ma joħorġux minn djarhom. Din tista' tkun il-lista ta' dawk l-anzjani li titwasslilhom l-Ewkaristija fi djarhom). Huma jippreparawlhom kartolina (magħmula b'idejhom stess) u jiktbulhom messaġġ sempliċi u ħelu. It-tfal iġibuha f'xi ġurnata oħra tan-Novena, u ċ-Ċelebrant jew il-Ministru Straordinarju tal-Ewkaristija jwassalhielhom hu f'darhom.

- Il-prietka tista' tibda billi l-predikatur jistaqsi lil xi tfal isimhom.
- Forsi jista' jistaqsi lit-tfal xi jfisser isimhom jew jafux għal min huma msemmijin… (anki jekk isimhom huwa oriġinali).
- Hawn il-qassis jista' jdur fuq il-ġenituri u jfakkarhom li huma u jagħtu isem lit-tfal tagħhom, żgur li kellhom xi ħsieb f'moħħhom (ir-raġuni tal-isem li tawhom; anki jekk l-isem hu oriġinali).
- Minn hawn il-predikatur jista' jgħaddi għall-kontenut tal-omelija, juża xi punti minn hawn fuq u/jew iżid xi punti minn tiegħu, biex joħroġ il-messaġġ tat-tifsira tal-isem 'Għimmanu-El' – Alla magħna!

- **Proposta ta' innijiet:**

- Ejja, Mulej Ġesù
- Ejj'Ejja, Emmanuel
- Dalwaqt jitwieled tfajjel żgħir
- Il-Ħabbara (minħabba li din tidentifika l-missjoni ta' Ġesù – ara hawn chords u awdjo: https://www.laikos.org/rizorsi_tfal.htm)

## It-2 Jum tan-Novena: 16 ta' Diċembru
### MAGĦNA BĦALA L-KELMA LI SARET LAĦAM

- **Tema:** Il-Misteru tal-Inkarnazzjoni. Alla jidħol fl-istorja tal-bniedem bid-dgħufija u bl-imħabba.

- **Skrittura:** "U l-Verb sar bniedem u għammar fostna…" (Ġw 1:14).

- **Riflessjoni:**

Alla jsir wieħed minna – Alla jersaq lejna b'mod personali. L-Inkarnazzjoni turi li Alla ma baqax 'il bogħod, imma daħal fl-istorja tagħna. Jafna mhux biss bħala Ħallieq, imma mid-dinja tagħna stess fis-sura tal-ħlejqa; hekk li issa għandu esperjenza tat-tbatija, tal-ferħ u tal-provi tagħna.

Il-ġrajja tal-Milied tgħinna niskopru x'gosti għandu Alla. Għandna Alla qrib, li juri l-wiċċ tiegħu u jgħix fost il-bnedmin. Fil-fatt l-ewwel Milied kien mimli sorpriżi. Jiftaħ b'Marija, li kienet l-għarusa mwiegħda ta' Ġużeppi: jasal l-anġlu u jibdlilha ħajjitha għax iħabbrilha li minn verġni ser issir omm. Ikompli b'Ġużeppi, imsejjaħ biex isir missier ta' iben mingħajr ma jkun hu li jnisslu, u jasal fil-mument l-inqas opportun, meta bil-Liġi kienu għadhom ma jistgħux jgħixu flimkien. Ġużeppi messu keċċa lil Marija biex isalva l-fama tajba tiegħu, imma hu jissorprendina: biex ma jagħmilx ħsara lil Marija, jibda jaħseb kif sa jibgħatha bil-moħbi tan-nies, bir-riskju li jitlef ir-reputazzjoni tiegħu stess. Imbagħad għandna sorpriża oħra: Alla fil-ħolm jibdillu l-pjanijiet tiegħu u jitolbu jilqa' għandu lil Marija.

Il-Milied iġib bidliet xejn mistennija fil-ħajja. Jeħtieġ li nkunu lesti għas-sorpriżi, għax fil-lejl tal-Milied tasal l-ikbar sorpriża: Alla l-Aktar Għoli hu tarbija ċkejkna. Il-Kelma divina hija tarbija, li "mhix kapaċi titkellem". Biex jilqgħu lill-Feddej ma hemmx nies kbar u importanti, imma nies sempliċi bħar-ragħajja li, maħsuda mill-anġli

waqt xogħolhom billejl, imorru jħaffu bla dewmien. Min kien jistennieh dan? Il-Milied ifisser niċċelebraw lil Alla tal-ġdid, li jaqleb ta' taħt fuq kull sens tagħna u kull ħaġa li konna nistennew.

Mela, niċċelebraw il-Milied ifisser nilqgħu s-sorpriża tas-Sema, li tidher fl-aqwa tagħha fl-għażla li għamel Alla li jsir bniedem.

San Pawl jikteb: "Minn fejn kotor id-dnub, kotrot fuq li kotrot il-grazzja" (Rum 5:20). Anki l-Prefazji tal-Milied jgħidulna:

- "Għalkemm bħala Alla ma nistgħux narawh, rajnieh fostna bħala bniedem… bħala bniedem kellu bidu fiż-żmien biex fih innifsu jerġa' jwaqqaf kulma ġġarraf…".
- "Meta l-Verb tiegħek sar bniedem bħalna, in-natura dgħajfa tagħna kisbet ġieħ għal dejjem, u bis-saħħa tal-għaqda tiegħu magħna, seħibna miegħu fl-istess ħajja bla tmiem".
- "Inti tipprovdilna wkoll għajnuna mill-istess natura dgħajfa tagħna… u [lill-bniedem] minn fejn ikun ġarrab it-telfien twassallu s-salvazzjoni tiegħek".

Aħna nemmnu u nistqarru li Ġesù ta' Nazaret – imwieled Lhudi mill-Verġni Marija, f'Betlehem, fi żmien is-sultan Erodi l-Kbir u l-imperatur Ċesri Awgustu; li kellu s-sengħa ta' mastrudaxxa, u miet imsallab f'Ġerusalemm, taħt il-prokuratur Ponzju Pilatu, fi żmien is-saltna tal-imperatur Tiberju… hu l-Iben etern ta' Alla magħmul bniedem li "ġie mingħand Alla" (Ġw 13:3), "niżel mis-sema" (Ġw 3:13; 6:33). Għax "il-Verb sar bniedem u għammar fostna, u aħna rajna l-glorja tiegħu, il-glorja li għandu mill-Missier bħala Ibnu l-waħdieni mimli bil-grazzja u l-verità… u mill-milja tiegħu aħna lkoll ħadna grazzja fuq grazzja" (Ġw 1:14,16).

Ġesù jurina lil Alla b'mod perfett: huwa xbieha viżibbli ta' Alla inviżibbli: "Min ra lili, ra lill-Missier" (Ġw 14:9). Permezz tal-ħajja u t-tagħlim ta' Ġesù naraw x'inhi l-imħabba ta' Alla b'mod konkret u uman, u nagħrfu l-karattru ta' Alla mimli ħniena, maħfra, ġustizzja, u mogħdrija. Ġesù bħala bniedem sar eżempju perfett ta' kif inħobbu,

ta' kif naqdu, ta' kif niġġieldu kontra t-tentazzjoni, u ta' kif ngħixu b'umiltà u b'fedeltà lejn Alla.

Għalhekk ma nistgħux nibqgħu ngħixu "mill-art għall-art", meta s-Sema ġab miegħu l-ġdid tiegħu fid-dinja. Il-Milied jiftaħ epoka ġdida, fejn il-ħajja ma nżommuhiex aktar għalina, imma nagħtuha; fejn ma nibqgħux ngħixu għalina nfusna, skont il-gosti tagħna, imma għal Alla; u id f'id ma' Alla, li jgħix magħna u li jimxi magħna. It-Twelid ta' Ġesù ma joffrix il-kumdità li aħna mdorrijin fiha, imma sorpriża li theżżeż l-istorja. Il-Milied hu r-rebħa mill-ġdid tal-umiltà fuq l-arroganza, tas-sempliċità fuq l-abbundanza, tas-silenzju fuq l-istorbju, tat-talb fuq il-"ħin tiegħi", ta' Alla fuq il-jien tiegħi. Kristu, bħala bniedem, jagħtina standards konkreti għal kif inħobbu, naħfru, naqdu u ngħixu.

Jalla jkollna Milied għani bis-sorpriżi ta' Ġesù! Jidhru sorpriżi skomdi, imma dawn huma l-gosti ta' Alla. Jekk nitgħarrsu magħhom, inkunu nagħmlu sorpriża mill-aqwa lilna nfusna. Kull wieħed u waħda minna għandu moħbija f'qalbu dik il-ħila li jissorprendi ruħu. F'dan il-Milied, ejjew inħallu lil Ġesù jissorprendina. Sant'Irinew ta' Lyons jitkellem fuq l-Inkarnazzjoni bħala għemil li bih Alla u l-bniedem jidraw 'il xulxin: "Il-Verb ta' Alla għammar fil-bniedem u sar Bin il-bniedem, biex idarri 'l-bniedem jagħraf 'l Alla u biex Alla jidra jgħammar fil-bniedem skont ir-rieda tal-Missier".

- **Applikazzjoni għat-tfal u l-familji:**

Alla jissorprendina billi sar laħam, tarbija.

- Il-predikatur jista' jibda l-omelija b'xi sorpriża, ngħidu aħna jġib kaxxa magħluqa u li fiha jkun hemm xi ħaġa… u t-tfal iridu jaqtgħu x'fiha… anki jekk hemm bżonn, jeħduha f'idejhom (biex jippruvaw jaqtgħu). Idealment ipoġġi fil-kaxxa xi ħaġa li ma jistgħux jaqtgħu xi tkun. Wara xi żewġ minuti jew hekk, il-predikatur jiftaħ dik il-kaxxa u toħroġ dik ix-xi ħaġa li biha jissorprendihom. (Aktar ma tkun xi ħaġa li ma jkunux jistennew, aktar ikun jista' joħroġ il-messaġġ).

- Minn hawn jgħaddi għall-messaġġ li Alla ssorprenda lid-dinja billi ġie bħala tarbija fid-dinja. Il-Kelma li saret laħam.
- Illum it-tfal u l-kbar jistgħu jiġu mistiedna biex għada jġibu l-knisja xi oġġetti li jistgħu jingħataw lill-Caritas għat-trabi: ħrieqi (sizes 4, 5 u 6), shampoo għat-tfal, gallettini (ta' kull tip), detergents (tal-ħwejjeġ u tal-platti), u conditioner (tat-tlaħliħ tal-ħwejjeġ).

- **Proposta ta' innijiet:**

- Dalwaqt jitwieled Tfajjel żgħir
- Ejja, Ġesù, ejja
- Madwaru miġburin (awdjo, kliem u mużika wieħed jista' jsibhom hawn: https://www.laikos.org/rizorsi_tfal.htm)
- Ejjew ilkoll (awdjo, kliem u mużika wieħed jista' jsibhom hawn: https://www.laikos.org/rizorsi_tfal.htm)
- Ġej il-Mulej (awdjo, kliem u mużika wieħed jista' jsibhom hawn: https://www.laikos.org/rizorsi_tfal.htm)
- Fuq tiben f'maxtura (ara hawn: https://www.youtube.com/watch?v=C5HmZQV8I3U)

## It-3 Jum tan-Novena: 17 ta' Diċembru
## MAGĦNA BĦALA DAWL LI JIDDI FID-DLAM

- **Tema:** Kristu bħala dawl li jidħol f'dinja mdallma.

- **Skrittura:** "Id-dawl jiddi fid-dlam, imma d-dlam ma għelbux" (Ġw 1:5).

- **Riflessjoni:**

Ġesù jgħidilna: "Jiena d-dawl tad-dinja. Min jimxi warajja ma jimxix fid-dlam, imma jkollu d-dawl tal-ħajja" (Ġw 8:12). Din hija l-istqarrija prinċipali ta' Ġesù li minnha ġej it-titlu "dawl għalina" – il-preżenza tiegħu tagħti tama, dawl u fidwa.

Fil-Lejl tal-Milied, il-Liturġija tal-Kelma tippreżentalna l-profezija ta' Iżaija 9:1: "Il-poplu li kien miexi fid-dlam ra dawl kbir; in-nies li joqogħdu f'art id-dlam, dawl idda fuqhom".

Fil-lejl tal-Milied, fil-ħemda, jiddi dawl kbir. Tingħata aħbar: "Tweldilna Salvatur" (Lq 2:11). U żewġ kelmiet li jinsisti fuqhom Ġwanni l-Evanġelista fit-tieni parti tal-Prologu tiegħu, tal-introduzzjoni għall-Evanġelju, huma "grazzja u verità" (Ġw 1:17). F'dik it-tarbija fil-maxtura hemm il-grazzja, l-imħabba ta' Alla li tħobb mingħajr ma tfittex il-mertu, mingħajr ma tfittex lanqas il-gratitudni. Hemm il-grazzja, l-imħabba li m'għandhiex prezz, imħabba prezzjuża li lil dik it-tarbija se tiswielha ħajjitha.

Il-verità ddawwal il-moħħ, imma wkoll iddawwal il-qalb. L-ikbar verità li titħabbar f'dan il-jum qaddis tal-Milied hija li Alla jħobbok, li Alla jħobbna, li għalina ħejja futur sabiħ. Din hija l-ikbar verità, l-isbaħ verità, dik li lilna kontinwament terfagħna. Mhux din hi l-missjoni ta' din it-tarbija, li bħal-lum tmint'ijiem infakkru li ngħatat l-isem ta' Ġesù… Alla li jerfagħna, li jsalvana, li jaħjina, jagħtina l-ħajja? Il-Mulej jagħmel hekk billi hu Alla magħna, Għimmanu-El. "Il-Verb sar bniedem u għammar fostna" (Ġw 1:14). Poġġa t-tinda tiegħu

fostna u aħna rajna l-glorja tiegħu, din il-glorja li timla l-qalb ta' kull wieħed u waħda minna bix-xenqa għall-paċi u bl-esperjenza qawwija tas-sliem.

Aħna mdawla bid-dija tat-Tarbija ta' Betlehem, li dawlet lil moħħna bil-verità qawwija li Alla jħobbna, u l-imġiba tagħna tirrifletti l-esperjenza tagħna. Ejjew nitolbu biex aħna nkunu dawl għal ħaddieħor. Ejjew inkunu għal xulxin grazzja, messaġġ kontinwu li Alla jħobbna permezz tal-imħabba tagħna lejn xulxin. Ejjew inxandru bi kliemna, b'għemilna, il-verità qawwija u sabiħa li Alla huwa mħabba.

Fl-istess ħin nirringrazzjaw lill-Mulej ta' dan il-misteru ta' dawl. Id-dlam li kultant inikket il-qalb tagħna mhux se jkollu l-aħħar kelma. Kultant tiġina din it-tentazzjoni li naħsbu li d-dlamijiet se jegħlbu d-dawl, li jibqa' jiddi fil-qalb ta' kull bniedem anki fl-agħar ċirkustanzi: "Id-dawl jiddi fid-dlam imma d-dlam ma għelbux" (Ġw 1:5).

Għaliex niċċelebraw it-twelid ta' Ġesù fil-25 ta' Diċembru? Mhux għax storikament Ġesù twieled fil-25 ta' Diċembru. Id-data ma nafuhiex, imma ntagħżel il-25 ta' Diċembru għal raġuni partikulari. Il-Kristjaneżmu twieled taħt l-Imperu Ruman, li f'dan il-jum kien jiċċelebra l-festa ta' alla xemx. L-Insara ma setgħux jiċċelebraw din il-festa pagana. Fi żmien l-imperatur Kostantinu, flok iċ-ċelebrazzjoni ta' alla xemx, l-Insara bdew jiċċelebraw ix-Xemx tal-Ġustizzja – espressjoni mill-profeta Malakija 4:2 li tirreferina għal Kristu, id-dawl veru, għax id-dawl veru mhuwiex ix-xemx. Veru li fin-natura x-xemx hija l-uniku sors ta' dawl, imma Ġesù jiżboqha għaliex huwa l-veru dawl tad-dinja u ta' kull bniedem li b'dijietu jdawwal qlub il-bnedmin. L-Insara jaddottaw din ir-realtà pagana, jgħammduha u jagħtuha tifsira Nisranija billi jistqarru li x-xemx vera tagħhom hija Ġesù.

Illum għaddejjin minn proċess kuntrarju tant li d-dinja ħatfet din il-festa Nisranija tat-Twelid ta' Ġesù, u qed terġa' tagħmilha festa pagana. Id-dwal tal-Milied għandhom jibqgħu jfakkruna fid-dawl li

huwa Ġesù nnifsu: "Jiena d-Dawl tad-dinja. Min jimxi warajja ma jimxix fid-dlam; iżda jkollu d-dawl tal-ħajja" (Ġw 8:12).

Min-naħa l-oħra, Ġesù jgħidlu lil Nikodemu: "U l-ġudizzju huwa dan: li d-Dawl ġie fid-dinja, imma l-bnedmin ħabbew id-dlam aktar mid-Dawl, għax l-għemil tagħhom kien ħażin" (Ġw 3:19). Din hija verità fuq żminijietna: id-dlam huwa n-nuqqas tad-dawl, mela n-nuqqas ta' Kristu. Għandna min iħobb in-nuqqas ta' Ġesù, min iħobb soċjetà mingħajr Ġesù, min irid il-familja tiegħu tkun mingħajr Kristu. Dan ifisser li ngħixu fid-dlam.

"Imma d-dlam ma għelbux"... Hemm kuntrast qawwi bejn id-dawl ta' Kristu u d-dlam tad-dnub u tan-nuqqas ta' fidi. Id-dlam ma jista' qatt jitfi d-dawl. Il-verb bil-Grieg *katelaben* jindika li d-dlam ma jasal qatt li jifhem id-dawl, għaliex il-mentalità tiegħu hija li jkun dlam, u jeskludi minnu kull dawl. Għalhekk id-dawl jissimbolizza lil Ġesù, fil-verità, fil-ħajja u fil-fidwa tiegħu. Ġesù ried ikun magħna bħala dawl li jirbaħ id-dnub, il-mewt u dak kollu li huwa kuntrarju għal Alla. Id-dawl ta' Kristu jirbaħ dejjem u jiddi 'l fuq minn kull dalma. Għalhekk Ġesù jidentifika lilu nnifsu bħala d-dawl tad-dinja. Il-fidwa taslilna għall-fidi tagħna fih li huwa l-veru dawl tagħna. San Ġwann fil-Prologu tiegħu qiegħed ifittex li jwieġeb għall-isfidi ta' żmienu meta l-Injostiċiżmu kien juża l-kunċetti duwalistiċi tad-dawl u tad-dlam. Juża l-istess lingwaġġ, imma biex jagħtina messaġġ oppost: il-veru dawl tagħna huwa Kristu Ġesù li mhux xi idea jew xi filosofija partikulari, imma jidher fl-istorja u jbiddel il-ħajjiet ta' dawk li jagħtuh il-fiduċja tagħhom. Id-dawl u d-dlam jibqgħu jgħixu flimkien tul l-istorja kollha, imma Alla jidentifika ruħu biss mad-dawl.

Il-blandun sar simbolu qawwi ħafna ta' Kristu Rxoxt bħala dawl li jirbaħ id-dlam tal-mewt. Meta tixgħel ix-xemgħa fil-Magħmudija mill-blandun, din tirrappreżenta li l-persuna rċeviet id-dawl ta' Kristu u issa trid ukoll "idawwal" lill-oħrajn. Ġesù ma qalx biss li hu d-dawl tad-dinja, imma qal ukoll: "Intom id-dawl tad-dinja" (Mt 5:14). Dan jesprimi l-għaqda kbira li hemm bejn Ġesù u bejnna. Huwa d-Dawl tiegħu li jiddi fina, aħna li rridu niddu lilu, hu li jgħammar fina. Aħna

ma' Ġesù nsiru d-dawl. Huwa hu d-Dawl, imma li jrid jiddi permezz tiegħi u permezz tiegħek. Dan il-Milied irridu nistaqsu aħniex naċċettaw lil Ġesù bħala d-dawl tagħna, jew jekk aħniex nemmnu li f'ħajjitna d-dawl qed jirbaħ u mhux id-dlam.

Iċ-ċelebrazzjoni ta' dan il-Milied hija aħbar tajba tal-mod kif Alla huwa magħna bħala dawl li ma jintefa qatt. Il-Papa Franġisku ħallielna eżortazzjoni mill-isbaħ: "Jekk inti għaddej minn dan id-dlam fil-qiegħ nett ta' qalbek, jekk inti għaddejt minn dlam, illum Ġesù jrid ikun Dawl li jiddi fid-dlamijiet ta' qalbek, li jiddi fid-dlam tiegħek. Jekk inti warrabt lil Ġesù f'xi rokna tal-ħajja tiegħek, Ġesù jrid ikun id-Dawl li jiddi f'dak id-dlam għax ma jridekx iżjed tgħix fid-dlam. Alla jrid idawlek. Dan il-Milied irid ifisser li aħna rridu ndaħħlu mill-ġdid lil Ġesù bħala d-Dawl fil-ħajja tagħna. Mingħajru aħna ngħixu d-dlam, imma Ġesù jrid jiġi jiddi f'dan id-dlam tagħna".

- **Applikazzjoni għat-tfal u l-familji:**

Ġesù huwa d-dawl tad-dinja – għalhekk fil-Milied inżejnu bid-dwal.

- Il-predikatur jista' jibda l-omelija billi jistaqsi lit-tfal x'nagħmlu meta jmurilna d-dawl.
- Jew/u jista' wkoll ikun hemm mument li fih jitfi d-dawl kollu tal-knisja (biex wara t-tfal jispjegaw x'ħassew xħin kienu fid-dlam). In-nies jistgħu jintalbu jixgħelu t-torch tal-mobile.
- Jew jista' jġib ukoll oġġetti li jarmu d-dawl bħal fanal, lampa, xemgħa, torċ… u minn hemm jibda.
- Minn hawn jislet kontenut minn dan ta' hawn fuq biex jispjega d-dawl li deher fil-Milied permezz ta' Ġesù d-dawl tad-dinja.

*Jew:*

- Eżerċizzju li jista' jsir hu li jitqassmu xemgħat fil-knisja. L-ewwel tinxtegħel xemgħa waħda tal-qassis, imbagħad tat-tfal u kulħadd jixgħel ix-xemgħa ta' xulxin. Dan ifisser li jekk ngħinu lil xulxin, nistgħu verament inkunu dawl għall-oħrajn.

- **Proposta ta' innijiet:**

- Ejja, Mulej Ġesù (…id-dinja qed tistenniek)
- Kemm għandna ferħ ġo qalbna
- Imtela bit-Tama
- Ejjew ilkoll (awdjo, kliem u mużika wieħed jista' jsibhom hawn: https://www.laikos.org/rizorsi_tfal.htm)
- Il-Ħabbara (awdjo, kliem u mużika wieħed jista' jsibhom hawn: https://www.laikos.org/rizorsi_tfal.htm)
- Ir-Ragħajja (awdjo, kliem u mużika wieħed jista' jsibhom hawn: https://www.laikos.org/rizorsi_tfal.htm)
- Kun int id-Dawl
- Imtela bit-tama u imxi
- Ix-Xemgħa tal-Avvent

## Ir-4 Jum tan-Novena: 18 ta' Diċembru
### FEJN TINSAB L-GĦAMARA DIVINA TIEGĦU

- **Tema:** Ġesù ġie biex jgħammar magħna – aħna fih u hu fina.

- **Skrittura:** "Jekk xi ħadd iħobbni, iħares kelmti, u Missieri jħobbu, u aħna niġu u ngħammru għandu" (Ġw 14:23).

- **Riflessjoni:**

Aħna llum nitkellmu fuq il-knejjes tagħna bħala l-għamara ta' Ġesù, jigifieri li Ġesù jgħammar fihom għaliex il-preżenza tiegħu tinsab hemm. Imma dan ma jfissirx li Alla hu "hemm biss". Allura nistaqsu: fejn huwa "l-indirizz ta' Alla" kemm-il darba huwa magħna?

Din il-mistoqsija nsibuha fil-Vanġelu skont San Ġwann. Ġwanni l-Battista kien għadu kif ra (*emblepeiv* – ħarsa pjuttost fil-fond) u wera lil Ġesù bħala l-Ħaruf ta' Alla, u għal din l-aħbar dawn iż-żewġ dixxipli ta' Ġwanni jgħaddu biex isiru dixxipli ta' Ġesù tant li jmorru warajh: "Ġesù dar u rahom mexjin warajh, u qalilhom: 'Xi tridu?'. Iżda huma staqsewh: 'Fejn toqgħod, Rabbi?' – li tfisser Mgħallem. Hu weġibhom: 'Ejjew u taraw'. U marru miegħu u raw fejn kien joqgħod, u dakinhar baqgħu miegħu" (1:38-39). Talbuh fejn joqgħod sabiex joqogħdu miegħu. Ġesù jistaqsihom: "Lil min qegħdin tfittxu?", li għandha eku fil-mistoqsija li jagħmel Ġesù lil Marija ta' Magdala fil-ġnien ħdejn il-qabar (Ġw 20:15: "Lil min qiegħda tfittex?"). Dan il-verb – *zetein* – insibuh 34 darba fir-raba' Vanġelu, u mhux dejjem jesprimi raġuni pożittiva ta' din it-tfittxija. Għamlulu din il-mistoqsija għaliex bħal kull rabbi/mgħallem ieħor kellu l-post fejn kien jiġbor lid-dixxipli tiegħu biex jgħallimhom. Għalhekk jagħmlulu din il-mistoqsija: "Fejn toqgħod?". Fi Ġwanni 12:26 jgħidilhom: "Jekk xi ħadd irid jaqdini, hu għandu jimxi warajja; u fejn inkun jien, hemm ukoll ikun il-qaddej tiegħi". U t-tweġiba tiegħu ma tgħidx fejn kien joqgħod, imma hija tweġiba li għandha importanza kbira għax jgħidilhom biex jiġu jaraw, fis-sens li jemmnu fih, jiġifieri jaslu għall-ħwejjeġ kbar u finalment joqogħdu, *mevein*, bis-sens tal-istat il-ġdid li

issa jinsabu fih. L-indikazzjoni tal-ħin hija indikazzjoni li turina t-tmiem ta' ġurnata u l-bidu ta' ġurnata ġdida, dejjem skont il-mentalità Lhudija li l-jum jibda malli tinżel ix-xemx.

Aħna wkoll nixtiequ nkunu nafu fejn joqgħod Ġesù, sabiex noqogħdu aħna wkoll flimkien miegħu. Fit-Testment il-Qadim, Alla kien jgħammar fit-Tinda tal-Laqgħa matul il-perjodu meta l-poplu Lhudi kien għadu pellegrin fid-deżert. Il-Lhud kienu jitkellmu fuq il-preżenza divina bħala *Shekinah*, jigifieri l-preżenza ta' Alla li kienet tinżel u tgħammar qalb il-poplu tiegħu. Spiss din il-preżenza kienet assoċjata mad-dawl jew mas-sħaba li kienet tinżel fuq it-Tinda, hekk li d-dell li s-sħaba tagħmel fuq it-Tinda kien jevoka l-protezzjoni ta' Alla fuq dak il-post. Mhux ta' b'xejn li l-anġlu Gabrijel lil Marija jagħtiha ħjiel li bit-tnissil verġinali fil-ġuf tagħha, hija saret it-tinda jew tempju tal-għamara ta' Alla: "L-Ispirtu s-Santu jiġi fuqek, u l-qawwa tal-Għoli tixħet id-dell tagħha fuqek. U għalhekk dak li jitwieled minnek ikun qaddis, u jissejjaħ Bin Alla" (Lq 1:35).

San Ġwann jikteb li "għammar fostna" – il-verb Grieg *eskenosen*, li minnu għandna l-kelma *skene*, li tfisser waqqaf it-tinda tiegħu, li hija referenza ċara għat-Tinda – *mishkan* – li kienet il-post tal-preżenza ta' Alla. Il-ktieb tal-Eżodu jirrakkonta li waqt il-mixja tiegħu fid-deżert, Alla kien jakkumpanjah u kien jgħammar f'nofshom. Is-sinjal tal-preżenza u tal-glorja tiegħu kien it-Tinda. Aktar 'il quddiem meta daħlu fl-art ta' Kangħan, bnew it-Tempju li ħa post it-Tinda, imma li baqa' s-sinjal tal-preżenza ta' Alla f'nofshom. Issa Ġesù ser jieħu post din it-Tinda għaliex mhix meħtieġa l-ebda medjazzjoni għall-preżenza ta' Alla. Dan huwa t-tmiem tal-postijiet sagri, għaliex minn issa 'l quddiem is-santwarju tal-preżenza ta' Alla huwa Ġesù. Biex tidħol f'relazzjoni ma' Alla mhux meħtieġ aktar it-tempju tal-ġebel, imma r-relazzjoni tagħna ma' Ġesù ser tiggarantilna komunjoni ta' ħajja ma' Ġesù. Ġesù huwa tassew Alla-magħna: "Min jara lili jara lill-Missier" (ara Ġw 12:45). Dan hu l-Għimmanu-El – jekk qabel ħadd ma seta' jara l-glorja ta' Alla u jibqa' ħaj, tant li kienu jaraw biss riflessi tagħha fl-għeġubijiet imwettqa minn Alla b'risq il-poplu tiegħu. Anki f'Ġesù ser jiġru dawn is-sinjali tal-glorja li għandu, sakemm jasal is-sinjal per

eċċellenza tal-glorja tiegħu fil-qawmien mill-imwiet. U kif il-glorja ddiet fuq wiċċ Mosè wara li ltaqa' ma' Alla fuq is-Sinaj, hekk ukoll il-wiċċ ta' Ġesù jiddi fil-qawmien. "Mosè qal lill-Mulej: 'Ħallini, nitolbok, nara l-glorja tiegħek'. U l-Mulej wieġbu: 'Jiena ngħaddi tjubiti kollha minn quddiemek, u ngħajjat l-isem tiegħi "Jaħweh" quddiemek. Jiena nħenn għal min irrid inħenn, u nitħassar lil min irrid nitħassar'. U żied jgħidlu: 'Imma int ma tistax tara 'l wiċċi, għax ebda bniedem ma jarani u jibqa' ħaj'" (Eż 33:18-20).

Issa li Alla għażel li jgħammar fis-sura ta' bniedem bħalna, lil Alla tagħna mhux aktar infittxuh 'il barra minna, imma nsibuh fil-qalb tagħna l-bnedmin. Lil Alla nilqgħuh fil-qalb tagħna għaliex waqqaf l-għamara tiegħu fil-bniedem. Daqstant huwa Alla magħna li huwa Alla fina. Kien għalhekk li lill-mara Samaritana Ġesù weġibha: "Emminni, mara, jiġi żmien meta mhux fuq din il-muntanja taduraw lill-Missier, anqas f'Ġerusalemm… Imma tiġi siegħa, anzi issa hi, meta dawk li tassew jaduraw jibdew jaduraw lill-Missier fl-ispirtu u l-verità" (Ġw 4:21,23).

L-unika qima li Alla jfittex hija li aħna noffru ħajjitna biex nagħmlu preżenti b'kull ħila li għandna l-imħabba tiegħu fost ħutna l-bnedmin. Ma teżistix forma oħra ta' qima għajr din. Alla mhux aktar preżenti fit-Tempju, imma jinsab fil-bniedem li jfittex li jgħaddi din l-imħabba lill-oħrajn. Il-komunità tagħna tal-fidi hija l-post fejn Ġesù jgħammar sabiex huwa dak li jixtieq ikun magħna: "Fejn tnejn jew tlieta huma miġbura f'ismi, hemm jien inkun f'nofshom" (Mt 18:20).

Hekk aħna rajna "l-glorja tiegħu". Fit-Testment il-Qadim kienet tfisser li tmut, għaliex li tara lil Alla kien ifisser kawża ta' mewt. Imma fit-Testment il-Ġdid, li tara l-glorja ta' Alla hija kundizzjoni essenzjali biex wieħed jasal fil-ħajja. Għalhekk Alla mhux aktar inaċċessibbli u mbiegħed, imma Alla li l-glorja tiegħu hija l-manifestazzjoni viżibbli tal-essenza tiegħu. Ladarba Alla huwa mħabba, jidher b'mod impekkabbli f'Ġesù li huwa mħabba u mħabba biss. Il-glorja tiegħu dehret fis-sura tiegħu ta' bniedem li nqeda bil-ħiliet kollha ta' veru bniedem biex isir espressjoni vizibbli tal-imħabba li tissarraf f'ġesti

konkreti. Ġesù jiċħad dak li jgħid it-Talmud meta jikteb li meta żewġ persuni flimkien jistudjaw il-liġi, hemm huwa preżenti Alla. Skont Ġesù, mhux aktar l-istudju u l-ħarsien tal-liġi li juru lil Alla, imma dawk li f'isem Ġesù jkomplu jagħmluh preżenti fi mħabbithom. Mhux jixbhuh, imma jagħmluh preżenti!

Din hija l-glorja li tintwera fit-tieġ ta' Kana. Il-patt tal-poplu Lhudi ma' Alla kien safa bla frott ta' mħabba (sitt ġarar vojta), imma issa l-Patt il-ġdid jitwettaq fil-qalb ġdida li Alla jagħti lil kull bniedem, jiġifieri jikkomunikalu qawwa ta' mħabba tant kbira li l-bniedem ma jistax ma jilqagħhiex, għax akbar minnha mhu ser isib imkien: "Il-glorja li int tajt lili jiena tajtha lilhom… ħalli d-dinja tagħraf li inti bgħattni u li ħabbejt lilhom kif ħabbejt lili" (Ġw 17:22).

Ġesù li sar bniedem għalina huwa l-aħħar edizzjoni tat-Tinda tal-Laqgħa. Huwa s-sinjal tal-preżenza ta' Alla magħna. Imma dan ma kienx sinjal esklussiv, għaliex kull bniedem li jissieħeb miegħu jsir huwa wkoll sinjal konkret tal-preżenza ta' Alla. Fin-natura ta' Ġesù bniedem, Alla jħaddan il-natura tagħna sabiex kull bniedem ikun jista' jsib postu fih. Il-Milied ibiddel kollox, għaliex m'aħniex aktar bla Alla u barranin għalih, imma l-umanità tagħna saret it-tinda tal-għamara tiegħu. L-umanità dgħajfa u mortali tagħna l-bnedmin irċeviet l-aqwa ġieħ u saret qawwija għax tista' tħaddem u ġġarraf l-imħabba vera, dik divina. Hekk titwettaq il-profezija ta' Apokalissi 21:3: "Din hi l-għamara ta' Alla mal-bnedmin; u hu jgħammar magħhom, u huma jkunu l-poplu tiegħu, u Alla nnifsu jkun magħhom, Alla tagħhom".

- **Applikazzjoni għat-tfal u l-familji:**

L-indirizz... Fejn joqgħod Alla?

- Forsi fil-bidu tal-prietka (jew f'xi ħin ieħor) jista' jiġi pustier b'2 ittri/pakketti f'idejh: 1) wieħed għall-Kappillan (jew għas-sagristan) li żgur ikun fil-knisja, u 2) l-ieħor għal Donald Trump (jew persuna oħra magħrufa, imma li dak il-ħin żgur ma tkunx fil-knisja).

- Minn hawn il-qassis jislet dawk il-postijiet li fih tista' ssib lil Alla… u forsi anki postijiet li fihom diffiċli tiltaqa' ma' Alla.
- Illum, wara t-Tqarbin it-tfal jistgħu jitilgħu ħdejn it-tabernaklu, hu u jitpoġġa lura s-Sagrament fit-tabernaklu, u jassistu għal dan il-mument… anki hi u tingħalaq lura l-bieba tat-tabernaklu. (Qabel ma tingħalaq il-bieba tat-tabernaklu, hekk kif il-qassis ikun poġġa lura l-pissidi fit-tabernaklu, tista' tingħad xi talba adatta.)

- **Proposta ta' innijiet:**

- Ir-Ragħajja (awdjo, kliem u mużika wieħed jista' jsibhom hawn: https://www.laikos.org/rizorsi_tfal.htm)
- Ġej il-Mulej (awdjo, kliem u mużika wieħed jista' jsibhom hawn: https://www.laikos.org/rizorsi_tfal.htm)
- Il-Ħmara (ara hawn: https://www.youtube.com/watch?v=g-pCEJNhPgM&list=RDg-pCEJNhPgM&start_radio=1)
- Ilkoll flimkien

## Il-5 Jum tan-Novena: 19 ta' Diċembru
### MAGĦNA FL-UMILTÀ

- **Tema:** Alla jidher mhux fil-kobor imma fl-umiltà.

- **Skrittura:** "…li għad li kellu n-natura ta' Alla, ma qagħadx ifittex tiegħu li hu daqs Alla, iżda xejjen lilu nnifsu billi ħa n-natura ta' lsir" (Fil 2:6-7).

- **Riflessjoni:**

Fil-lejl tal-Milied ser nisimgħu dan il-kliem: "Għax dehret il-grazzja ta' Alla, għas-salvazzjoni lill-bnedmin kollha" (Tit 2:11). Kliem l-Appostlu Pawlu jikxef il-misteru veru tal-Milied: feġġet il-grazzja ta' Alla, ir-rigal tiegħu mogħti b'xejn; fit-Tifel li ngħatalna titlaħħam l-imħabba ta' Alla għalina li saret umli. Hekk jurina li għal Alla l-veru kobor huwa ċ-ċkunija u l-umiltà.

Jekk irridu niffesteġġjaw il-veru Milied, meħtieġ nikkontemplaw dan is-sinjal ta' umiltà estrema: is-sempliċità dgħajfa ta' tarbija ċkejkna tat-twelid, il-ħlewwa li biha hi mqiegħda, iż-żegħila ħelwa tal-faxex li fihom hi mfisqija. Hemm qiegħed Alla.

Il-Vanġelu qiegħed jirrakkonta kuntrasti u paradossi kbar: isemmi l-imperaturi, il-gvernatur, il-kbarat ta' dak iż-żmien, imma Alla ma jmurx hemm: ma jidhirx fis-sala nobbli ta' palazz irjali, imma fil-faqar ta' stalla; mhux fl-isplendur tad-dehra, imma fis-sempliċità tal-ħajja; mhux fis-setgħa, imma f'ċokon li jgħaġġeb. U biex niltaqgħu miegħu meħtieġ inbaxxu rasna, nitbaxxew, niċċekknu. It-Tifel li jitwieled qed jagħmlilna sfida: qed isejħilna nitilqu l-illużjonijiet ta' dak li jgħaddi wara ftit biex immorru għall-essenzjal, biex inħallu warajna l-pretensjonijiet tagħna li qatt ma jissodisfaw ruħhom b'xejn, biex inwarrbu għall-ġenb dak li qatt ma jimliena u d-dwejjaq għal dik il-ħaġa li dejjem ħa tonqosna. Nagħmlu sew inħallu dawn l-affarijiet warajna biex fis-sempliċità u l-umiltà ta' Alla-tarbija nsibu mill-ġdid il-paċi, il-ferħ, it-tifsira mdawla tal-ħajja.

Luqa 2:7 jikteb: "U wildet l-ewwel iben tagħha, fisqietu u medditu f'maxtura, għax ma kienx hemm post għalihom fil-lukanda". Dan id-dettall jerġa' jidher fuq fomm l-anġlu li jħabbar lir-ragħajja meta jgħidilhom: "Issibu tarbija mfisqija u mimduda f'maxtura" (Lq 2:12). Il-fisqija, jiġifieri l-faxex li fihom huwa mkebbeb Ġesù Bambin, mhix dettall żejjed li jinsisti fuqu San Luqa. Huwa ġest li ġenerazzjonijiet sħaħ sa mill-qedem kienu jużawh biex jittrattaw lit-tarbija dgħajfa tat-twelid dritt wara l-ħlas. Kien mod kif jiggarantixxu protezzjoni u ambjent simili għal dak tal-ġuf li t-tarbija tkun għadha kif ħalliet wara disa' xhur fih. Għalhekk il-mistoqsija tagħna hija: kif dan il-ġest li kien komuni tant, kien hemm bżonn li Luqa jinsisti tant fuqu tant li jsir is-sinjal li jidentifika lil din it-tarbija?

Marija tagħmel dan il-ġest ta' vera omm. Dak li twieled huwa Bin il-Għoli kif kien ħabbar l-anġlu Gabrijel, imma huwa wkoll iben Marija li jassumi l-kundizzjoni fraġli ta' bniedem tat-twelid bħal kull wieħed minna. Hija kundizzjoni mmarkata mil-limitu, tant li ladarba sar bniedem, ifisser li sar bniedem mortali. Ma tistax tikkonċepixxi l-bniedem jekk mhux fin-natura tiegħu ddestinata li tmut. Għalhekk dawn il-faxex tat-twelid jindikaw sa minn Betlehem il-faxex tal-Kalvarju meta Ġesù jitniżżel mis-salib u jitqiegħed fil-faxex sabiex jindifen.

Dawn il-faxex isiru sinjal għall-fidi tagħna kif jihder fi Ġwanni 20:4-8: "It-tnejn ġrew flimkien, imma d-dixxiplu l-ieħor ħaffef aktar minn Pietru u laħaq qablu ħdejn il-qabar. Tbaxxa, u ra l-faxex tal-għażel imqiegħda hemm, iżda ma daħalx. Imbagħad wasal warajh Xmun Pietru, daħal fil-qabar, u ra l-faxex tal-għażel imqiegħda hemm, u l-maktur li kien madwar rasu; dan ma kienx mal-faxex, imma mitwi u mqiegħed f'post għalih. Imbagħad id-dixxiplu l-ieħor, li kien wasal l-ewwel ħdejn il-qabar, daħal hu wkoll, ra, u emmen".

Il-glorja li għad trid tidher f'Ġesù hija bħalissa moħbija mill-umiltà tal-faxex. Fil-Liturġija Biżantina nhar l-24 ta' Diċembru jitolbu u jistqarru li l-faxex huma teofora, jiġifieri jġorru lil Alla fihom:

“Qaddisa hija l-maxtura, teofora huma l-faxex, il-ħajja li hemm fihom sejra tkisser il-ktajjen tal-mewt, teħles lill-mortali u tagħmilhom bla taħsir”.

Ma nistgħux ma nsemmux f’dan il-ġest tal-faxex il-kura u l-attenzjoni li Marija u Ġuzeppi taw lil Ġesù Bambin sabiex huwa jasal fil-maturità tal-umanità tiegħu. Ġesù ġie fil-bżonn ta’ omm u missier li jikkurawh u jedukawh. Ma setgħux ma jagħtux kasu u jagħtuh l-attenzjoni u l-premura kollha li kien jeħtieġ ta’ tarbija tat-twelid. Marija u Ġużeppi jittrattawh b’attenzjoni kbira għax jemmnu li fid-dgħufija u l-umiltà ta’ dik it-tarbija hemm preżenti l-misteru ta’ Alla. Dawn il-faxex jesprimu l-imħabba ta’ din il-koppja miżżewġa. Aktar ’il quddiem Ġesù nnifsu kellu jitkellem fuq l-attenzjoni u l-kura lejn iċ-ċkejknin meta jistqarr: “Dak li tagħmlu mal-iżgħar fost dawn ħuti, qegħdin tagħmluh miegħi” (Mt 25:40). Il-mentalità dominanti, partikularment dik konsumista u individwalista, ma tgħinx sabiex titkattar din il-mentalità. L-ieħor u l-oħra mhix okkażjoni li tagħtini fastidju jew ostaklu għalija, imma sieħeb li tiegħu jiena wkoll inġorr ir-responsabbiltà. Aħna responsabbli ta’ xulxin, l-aktar ta’ dawk li huma dgħajfa u mwarrba għaliex mhumiex ikkunsidrati.

Il-Milied jippreżentalna l-umiltà ta’ Alla li, biex jikkurana, jitlob il-kura tagħna lejh. U Ġesù sab din il-kura f’ommu u f’missieru: medditu f’maxtura. Il-Misteru tal-Milied ikompli jisfidana tant li jġib miegħu togħma ta’ niket, għax l-imħabba mhix milqugħa, il-ħajja hi mormija. Hekk ġralhom Ġużeppi u Marija, li sabu l-bibien magħluqa f’wiċċhom u kellhom iqiegħdu lil Ġesù f’maxtura, “għax ma kienx hemm post għalihom fil-lukanda”. Ġesù jitwieled miċħud minn xi wħud u fl-indifferenza ta’ ħafna iżjed.

Il-maxtura kienet il-post fejn jitqiegħed l-ikel tal-annimali. Għaldaqstant, il-post fejn tqiegħed Ġesù kien post li jesprimi umiltà estrema. Il-maxtura tespirmi l-umanità kollha li hija fil-ħtieġa tas-salvazzjoni – għandha ġuħ u għatx li qiegħda tfittex li taqtgħu, imma ħadd daqs Ġesù ma jissodisfa lill-bniedem. Fl-istess waqt il-maxtura hija post profetiku għaliex jurina li l-umiltà ta’ dan Alla li jixtieq ikun

magħna wasslitu sabiex ikun ikel għal kulħadd. Alla huwa tant innamrat magħna li jirbaħna bl-umiltà tiegħu. Jitwieled Betlehem, li tfisser "dar il-ħobż". Donnu b'hekk irid jgħidilna li qed jitwieled bħala ħobż għalina; jiġi fil-ħajja tagħna biex jagħtina ħajtu; jiġi fid-dinja tagħna biex iġibilna mħabbtu. Ma jiġix biex jaħkem u jikkmanda, imma biex jitma' u jaqdi. Hekk naraw li hemm rabta diretta bejn il-maxtura u s-salib, fejn Ġesù jsir ħobż maqsum: hi r-rabta diretta tal-imħabba li tingħata biex tifdina, li tagħti d-dawl lil ħajjitna, paċi lil qlubna.

Ħalli aħna wkoll inħallu lil Ġesù jisfidana u jsejħilna għandu, immorru għandu bil-fiduċja, ibda minn dak li fih inħossuna mwarrba, ibda mil-limitazzjonijiet tagħna, ibda mid-dnubiet tagħna. Inħallu tmissna din il-ħlewwa li ssalvana. Nersqu lejn Alla li jersaq lejna, nieqfu nħarsu lejn il-presepju, nistħajlu t-twelid ta' Ġesù: id-dawl u l-paċi, il-faqar estrem u ċ-ċaħda. Mar-ragħajja ejjew nidħlu fil-Milied veru, lil Ġesù ejjew nagħtuh dak li aħna, l-emarġinazzjoni tagħna, il-ġrieħi mhux imfejqa tagħna, id-dnubiet tagħna. Hekk, f'Ġesù, induqu l-ispirtu veru tal-Milied: il-ġmiel li aħna maħbuba minn Alla. Ma' Marija u Ġużeppi noqogħdu quddiem il-maxtura, quddiem Ġesù li jitwieled bħal ħobż għall-ħajja tiegħi. L-Ewkaristija hija l-qofol ta' dan il-manteniment li joffrilna Ġesù sabiex l-umanità tagħna tirċievi l-benefiċċju tal-imħabba tiegħu. Nikkontemplaw l-imħabba tiegħu umli u bla tarf, ngħidulu sempliċement grazzi: grazzi li dan kollu għamiltu għalija.

L-umiltà assoluta ta' dan Alla-magħna twasslu għall-ġest tal-ħasil tar-riġlejn. Fl-Aħħar Ċena, Ġesù jwettaq dak is-servizz li sa dak il-waqt kien riservat għall-ilsir. Meta Ġesù jagħżel li jaħsel riġlejn id-dixxipli, jurihom li l-kobor veru jinsab f'li taqdi lill-oħrajn, mhux f'li tkun moqdi. Għalhekk ħallielna mudell ta' mħabba u servizz li huwa s-sigriet tal-vera ħajja: "Bħalma għamilt jien magħkom, hekk għandkom tagħmlu intom lil xulxin" (Ġw 13:34). Il-bniedem jibqa' 'l bogħod minn Alla sakemm ma jkunx qaddej, imma meta jagħmel l-għażla tal-qadi jilbes fuqu l-kobor ta' Alla nnifsu għax Alla huwa qaddej. Dan uriehulna Ġesù "li għad li kellu n-natura ta' Alla, ma qagħadx ifittex

tiegħu li hu daqs Alla, iżda xejjen lilu nnifsu billi ħa n-natura ta' lsir" (Fil 2:7).

- **Applikazzjoni għat-tfal u l-familji:**

L-Umiltà – il-maxtura

- Forsi mill-ġurnata ta' qabel it-tfal jistgħu jiġu msejħa biex illum iġibu maxtura magħhom; dik li jkunu se jużaw fil-presepju, jew inkella tal-Bambin. (Idealment tkun maxtura vojta mingħajr Bambin).
- Jew mill-ġurnata ta' qabel it-tfal jintalbu biex illum iġibu ritratt tagħhom ta' meta kienu għadhom trabi – idealment huma jkunu jidhru ġo baby cot jew pushchair.
- Jew forsi l-predikatur ikollu għad-dispożizzjoni tiegħu (waqt il-prietka) baby cot.
- (fl-għażla tal-cot): Il-predikatur jibda billi jħalli t-tfal jispjegawlu l-cot x'inhi, x'użu għandha, kemm hi komda…
- Il-predikatur jgħaddi biex jgħid li Ġesù twieled f'maxtura u li ħadd minna ma jieħu gost kieku jitwieled/jwelled f'maxtura.
- Jiġi spjegat li l-maxtura hi l-post (platt) tal-ikel tal-annimali. Jorbot l-umiltà mal-maxtura; u li Ġesù twieled umli u fqir u sar għalina ikel.
- (Jekk it-tfal ikunu ġabu l-maxtura magħhom, fl-aħħar tal-omelija [jew fl-aħħar tal-quddiesa] jistgħu jintalbu jtellgħuha fuq l-altar u l-predikatur jgħid talba (jew barka) fuqha.

*Jew*

- It-tfal jiġu mistiedna jarmaw il-maxtura quddiem l-altar, bit-tiben u l-faxex, u ssir spjegazzjoni lilhom dwar x'inhuma u kif ġew użati meta twieled Ġesù. (Minħabba li għat-tfal, speċjalment fir-realtà li qed ngħixu llum, it-tfal diffiċli jimmaġinaw dan kollu.)

- **Proposta ta' innijiet:**

- Fuq tiben f'maxtura (ara hawn: https://www.youtube.com/watch?v=C5HmZQV8I3U)

- Milied tfuliti (ara hawn: https://www.youtube.com/watch?v=u1tBUM_Higw&list=RDu1tBUM_Higw&start_radio=1)
- Ninni la tibkix iżjed
- Madwaru miġburin (awdjo, kliem u mużika wieħed jista' jsibhom hawn: https://www.laikos.org/rizorsi_tfal.htm)
- Ir-Ragħajja (awdjo, kliem u mużika wieħed jista' jsibhom hawn: https://www.laikos.org/rizorsi_tfal.htm)
- Il-Ħmara (ara hawn: https://www.youtube.com/watch?v=g-pCEJNhPgM&list=RDg-pCEJNhPgM&start_radio=1)

## Is-6 Jum tan-Novena: 20 ta' Diċembru
## MAGĦNA FIL-FEDELTÀ LEJN IL-WEGĦDIET TA' ALLA

- **Tema:** Ġesù huwa l-Messija mistenni.

- **Skrittura:** "Għax għal Alla ma hemm xejn li ma jistax isir" (Lq 1:37).

- **Riflessjoni:**

Il-Milied ġie mħabbar minn ħafna sekli qabel permezz tal-wegħdiet li saru mill-profeti. Il-profeti kienu l-messaġġiera ta' Alla li minn żmien għal żmien, partikularment quddiem it-traġedji li għadda minnhom il-poplu Lhudi, kienu jfakkru lill-poplu li r-riedni ta' kollox jinsabu f'idejn Alla, u minkejja li jinsabu minn taħt, imma fil-fatt Alla ser iwassal dawn il-ġrajjiet għall-fidwa. Il-profeti kienu dawk li żammew it-tama mħeġġa fi ħdan il-poplu Lhudi. Minkejja li d-dnub kien jerfa' rasu u jidher li ħakimhom, Alla dejjem kien jurihom li mħabbtu għall-poplu kienet bil-bosta akbar. Min-naħa tiegħu l-poplu ried jikkonverti kontinwament sabiex anki hu jagħti sehmu ħalli l-fidwa toqrob lejh.

Bl-Inkarnazzjoni tal-Iben ta' Alla, it-tama daħlet fid-dinja u l-wegħdiet twettqu. Iżaija kien ħabbar sa minn qabel: "Għad toħroġ fergħa miz-zokk ta' Ġesse, għad tinbet rimja minn għeruqu" (11:1). Alla jwettaq il-wegħda billi jsir bniedem; ma jitlaqx lill-poplu tiegħu, jersaq qribna billi anki jitneżża' mid-divinità tiegħu. Hekk Alla juri l-fedeltà tiegħu u jniedi Saltna ġdida, li tagħti tama ġdida lill-bnedmin – it-tama tal-ħajja l-ġdida, il-ħajja ta' dejjem.

Fil-Lhudi hemm żewġ kelmiet li jfissru t-tama: *qawàh*, "tistenna", tistenna bil-qawwa (Iż 40:31; Salm 25:3; 37:9); u *batàh*, "tittama", tafda bil-fiduċja u b'moħħok mistrieħ (Iż 12:2; Ġob 11:18). Fis-sens bibliku t-tama ma tħallikx fl-inċertezza u fil-forsi, iżda sserraħlek moħħok li hekk ikun żgur, għax hekk qal il-Mulej. Min jemmen f'Alla jafda fih; min joqgħod fuq kelmtu jittama, u jittama b'moħħu mistrieħ li din isseħħ – għax jemmen li Alla ma jonqosx minn kelmtu u li

kelmtu ma tistax tkun fiergħa. Il-fidi u t-tama marbutin flimkien, hekk li l-vera tama titnissel mill-fidi.

Mingħajr il-fidi, bit-tama spiss nikkunsidraw dak li mhux taħt is-setgħa tal-bniedem u li ma jidhirx. Fil-fatt, dak li nittamaw fih imur lil hemm mis-saħħa tagħna u minn dak li għandna l-ħila naraw. Imma t-twelid ta' Ġesù jkellimna fuq tama differenti, tama li tista' torbot fuqha, li tidher u tinftiehem, għax hi mwaqqfa f'Alla. Hu jidħol fid-dinja u jagħtina l-qawwa li nimxu miegħu: Alla jimxi magħna f'Ġesù, u jekk nimxu miegħu, jagħtina l-qawwa li ngħixu b'mod differenti l-preżent. Għalhekk, għan-Nisrani, li jittama jfisser iċ-ċertezza li nimxu ma' Kristu lejn il-Missier li qed jistenniena. It-tama qatt mhi wieqfa, it-tama dejjem miexja u tridna nimxu.

Fi djarna kull Milied jitħejja l-presepju skont it-tradizzjoni li tmur lura sa San Franġisk ta' Assisi. Fis-sempliċità tiegħu l-presepju jittrasmetti t-tama; kull wieħed mill-persunaġġi hu mgħaddas f'din l-atmosfera ta' tama.

San Mattew jiftaħ il-Vanġelu tiegħu b'mod li jurina bil-fatti li l-fedeltà ta' Alla tiżboq kull stennija, hekk li t-tama li joffrilna Ġesù tilħaq lill-bnedmin kollha. Il-ktieb tan-nisel ta' Ġesù jurina l-verità tal-istorja u l-verità tal-ħajja umana. Minkejja d-dnubiet ta' diversi persunaġġi msemmija, fosthom anki David, il-fedeltà ta' Alla tibqa' minn ġenerazzjoni għall-oħra, għax ħadd ma jagħti l-ħajja lilu nnifsu, imma jirċeviha b'don mingħand l-oħrajn. Mattew ifakkarna wkoll li aħna nirċievu minn ta' qabilna t-tama għaliex mhux biss jgħaddulna l-ħajja fiżika, imma wkoll il-fidi f'Alla.

Skont il-mentalità Lhudija jissemmew biss l-ismijiet tal-missirijiet, imma fost l-antenati ta' Ġesù jissemmew b'eċċezzjoni ħames nisa: Tamar, il-mara ta' bin Ġuda li, xħin romlot, għamlet tabirruħha prostituta biex tiżgura dixxendenza għal żewġha (Ġen 38); Raħab, il-prostituta ta' Ġeriko, li tħalli lill-ispiji Lhud jidħlu fl-Art Imwiegħda u jirbħuha (Ġoż 2); Rut, il-Mowabita, li, fil-ktieb bl-istess isem, tibqa' fidila għall-kunjata tagħha, tieħu ħsiebha u ssir il-bużnanna tas-sultan

David; Batsabea, li magħha David jagħmel adulterju u, wara li jibgħat joqtol lil żewġha, inissel lil Salamun (2 Sam 11); u fl-aħħar, Marija ta' Nazaret, l-għarusa ta' Ġużeppi, mid-dar ta' David: minnha jitwieled il-Messija, Ġesù. L-ewwel erba' nisa huma kollha midinba, u barranin għall-poplu ta' Iżrael. Imma Alla jikteb fuq linji mgħawġin u jinkludi f'nislu lill-popli kollha sabiex jesprimi t-tama li tmur lil hemm minn kull tama. Huwa nisel li jesprimi t-tama tal-bniedem f'dak Alla "li għalih ma hemm xejn li ma jistax isir" (Lq 1:37).

Sabiex jurina l-fedeltà ta' Alla li ma tiġi qatt nieqsa, Mattew fl-ewwel żewġ kapitli tal-Vanġelu tiegħu, għal ħames darbiet jikkwota t-Testment il-Qadim.

Grazzi għas-sehem ta' Marija u Ġużeppi l-wegħda tal-profeta Iżaija titwettaq: "Ara, ix-xebba tnissel u jkollha iben, u jsemmuh 'Għimmanu-El', li bi lsienna jfisser 'Alla magħna'" (Mt 1:23). Marija hija Omm it-tama u l-fedeltà ta' Alla, għaliex bl-"iva" tagħha hi fetħet lil Alla l-bieb tad-dinja tagħna: Alla għażilha sa minn qabel u hi emmnet il-Kelma tiegħu. Għal disa' xhur kienet l-Arka tal-Patt il-ġdid u li jibqa' għal dejjem, fl-għar tikkontempla t-Tarbija u tilmaħ fiha l-imħabba ta' Alla, li jiġi biex jifdi lill-poplu tiegħu u lill-bnedmin kollha. "Għax għal Alla ma hemm xejn li ma jistax isir".

Biswit Marija hemm Ġużeppi, li ġej min-nisel ta' David; anki hu emmen kliem l-anġlu, u meta jħares lejn Ġesù fil-maxtura, jimmedita kif dik it-Tarbija ġejja mill-Ispirtu s-Santu, u kif Alla nnifsu amarlu jsejjaħlu hekk, *Ġesù*. F'dak l-isem hemm it-tama għal kull bniedem, għax permezz ta' dak l-iben ta' mara, Alla sa jifdi lill-bnedmin kollha mill-mewt u mid-dnub.

Fit-Tarbija ta' Betlehem titwettaq it-tama li s-salvazzjoni ta' Alla saflaħħar tilħaq lil kull bniedem. Il-Maġi li ġew mill-bogħod juruna li s-sigurtajiet tagħna mhux ser isalvawna: l-unika ċertezza li tista' ssalvana hi dik tat-tama f'Alla. Issalvana għax hi qawwija u tmexxina bil-ferħ fil-ħajja, bir-rieda li nagħmlu l-ġid, bir-rieda li nkunu hienja għal dejjem. L-ewwel nett il-post li fih jitwieled Ġesù: Betlehem. Belt

ċkejkna tal-Lhudija fejn elf sena qabel kien twieled David, ir-ragħaj żagħżugħ maħtur minn Alla bħala sultan ta' Iżrael. Betlehem mhix il-belt kapitali, u għalhekk hi ppreferuta mill-Providenza divina, li tħobb taħdem permezz taċ-ċkejkna u l-umli. F'dak il-post jitwieled "bin David" hekk mistenni, Ġesù, li fih jiltaqgħu t-tama ta' Alla u t-tama tal-bniedem. Hekk għat-tieni darba Mattew jikkwota l-profezija li twettqet: "U int, Betlehem, art ta' Ġuda, le, m'intix l-iżgħar fost il-bliet il-kbar ta' Ġuda għax minnek joħroġ mexxej li jirgħa l-poplu tiegħi Iżrael" (Mt 2:6). Il-kuntest huwa r-rakkont tal-wasla tal-Maġi li segwew is-sinjal tal-kewkba u ġew għand Erodi, li anzjuż bil-biża' li jitlef it-tron, minnufih ifittex jifhem, u jsejjaħ lill-kittieba u jitlobhom jistħarrġu. L-esperti jafu l-Iskrittura u jtarrfu lis-sultan dwar il-post fejn, skont il-profezija ta' Mikea, kellu jitwieled il-kap u ragħaj tal-poplu ta' Iżrael (Mik 5:1): iċ-ċkejkna Betlehem u mhux il-kbira Ġerusalemm! Madankollu, il-kittieba juru t-triq lill-oħrajn imma huma stess ma jiċċaqilqux! Il-Kelma ta' Alla ma tasalx li ġġedded ix-xenqa għat-tiftixa u tkebbes ix-xewqa li jaraw lil Alla. Għal Erodi, Ġesù mhuwiex it-tama biex jilqagħha, imma theddida biex jeliminaha!

Il-kelma tal-profeti tirrappreżenta l-alfabett li bih Alla jitkellem u jħalli lil min isibu. Xħin sabuh, il-Maġi niżlu għarkupptejhom, jaduraw lil Ġesù, u offrewlu doni prezzjużi, denji ta' sultan, denji ta' Alla. Jilmħu fih "ġisem ċkejken u fqajjar li l-Verb ħa fuqu; imma mhix moħbija għalihom il-glorja tad-divinità. Jaraw tarbija tat-twelid; imma jaduraw lil Alla" (Kromazju ta' Aquileia).

It-tielet darba li Mattew jikkwota t-Testment il-Qadim huwa fil-kuntest tal-ħarba lejn l-Eġittu u r-ritorn lura: "U baqa' hemmhekk sal-mewt ta' Erodi, biex hekk iseħħ dak li kien qal il-Mulej permezz tal-profeta, meta qal: 'Mill-Eġittu sejjaħt lil ibni'" (Mt 2:15).

Marbuta ma' dan l-istess kuntest insibu r-raba' kwotazzjoni ta' Mattew, meta jikkwota lil Ġeremija 2:16-18 u japplikah għall-istraġi tat-trabi innoċenti ta' Betlehem: "Imbagħad seħħ dak li kien ingħad permezz tal-profeta Ġeremija, meta qal: 'F'Rama nstama' leħen, biki u lfiq kbir: Rakel tibki lil uliedha u ma tridx min ifarragħha, għax ma

għadhomx iżjed'" (Mt 2:17-18). Test li jqegħidna quddiem it-traġedja tal-qtil ta' bnedmin li m'għandhomx min jiddefendihom, quddiem il-kruha tal-poter li jżeblaħ u jxejjen il-ħajja.

Rakel, mart Ġakobb u omm Ġużeppi u Benjamin, għexet it-tama fid-dmugħ. Il-profeta Ġeremija jirreferi għal Rakel meta jdur fuq l-Iżraeliti eżiljati biex ifarraġhom bi kliem mimli emozzjoni; jiġifieri jaqbad id-dmugħ ta' Rakel biex jagħtihom it-tama: "Hekk jgħid il-Mulej: 'Instama' leħen f'Rama, ilfiq u biki kollu mrar; Rakel titbekka għal uliedha, ma tridx taf b'sabar, għax iżjed mhumiex'" (31:5). Fil-Ġenesi Rakel kienet mietet hi u teħles, u kienet ħadet din il-mewt biex seta' jgħix binha, u l-profeta jippreżentaha bħala ħajja f'Rama, hemm fejn kienu jinġemgħu l-imkaxkra fl-eżilju, qed tibki lil uliedha li f'ċertu sens huma mejta għax qed jinġarru lejn l-eżilju; ulied li, kif tgħid hi stess, "m'għadhomx iżjed", għebu għal dejjem.

Il-ħames kwotazzjoni hija f'Mt 2:23: "U mar joqgħod f'belt jisimha Nazaret, biex hekk iseħħ dak li kien ingħad permezz tal-profeti: 'Ikun imsejjaħ Nażri'". Din tirreferina għal meta l-Familja Mqaddsa sabet l-istabbiltà tagħha fir-raħal ta' Nazaret.

Dan kollu jurina kemm il-Kelma ta' Alla hija sinjal ta' fedeltà u tama żgura. Kull meta nisimgħu l-Kelma u nilqgħuha, inkunu qegħdin inħallu lil Ġesù jgħammar fina permezz ta' din il-Kelma tiegħu. Hija Kelma li tagħti dak li twiegħed. Il-Milied jesprimi dan il-mod li bih Alla għoġbu jibqa' magħna, fiduċjużi li fuq din il-kelma tiegħu ħajjitna tkun mibnija fuq il-blat u l-ebda maltemp mhu ser iġarrafha. Fuq il-passi tal-Maġi, aħna wkoll bħalhom insiru "pellegrini tat-tama" biex b'kuraġġ kbir nindirizzaw il-passi ta' qalbna fuq il-fedeltà ta' Alla li qatt ma tiġi nieqsa. Kull "iva" lil Ġesù hija żerriegħa ta' tama li Alla jixħet fix-xquq tal-istorja personali u kollettiva tagħna. Ħa jkollna fiduċja f'din it-tama li għad twarrad, u tagħti l-frott.

- **Applikazzjoni għat-tfal u l-familji:**

▪ Fil-bidu, il-predikatur jista' juri lit-tfal karta (jew sensiela) ta' "wegħdiet" li kull wieħed u waħda minna normalment inwegħdu, eż. "Se nagħmel ix-xogħol tad-dar", "Se ngħin lil xi ħadd", "Se nagħmel il-HW fil-ħin", "Mhux se nġiegħel lill-mummy/daddy tgħajjat"… Imbagħad jistaqsi: "Aħna dejjem żammejna kelmtna?". It-tfal probabbilment jgħidu le.

▪ Minn hawn jispjega li Alla qatt ma jinsa dak li jkun wiegħed. Hu jżomm kelmtu. Dak li wiegħed fil-Bibbja – li jibgħatilna Salvatur – seħħ fil-ġrajja tal-Milied. Anki jekk jgħaddu eluf ta'snin, Alla qatt ma jikser il-wegħda li jkun għamel. (U jislet punti mill-kontenut ta' hawn fuq.)

▪ Wara l-omelija, it-tfal jistgħu jiktbu fuq karta wegħda żgħira lil Ġesù (eż. Ngħin aktar lill-ġenituri tiegħi, inċedi lil ħaddieħor f'xi ħaġa, nitlob aktar…), u jqegħduha ħdejn il-maxtura bħala ġest ta' fedeltà lejn il-wegħda tagħhom.

*Jew*

Il-wegħdiet li jagħmlilna ħaddieħor *vs* Il-wegħdiet li jagħmlilna Alla

▪ Il-predikatur jista' jsaqsi lil xi ftit mit-tfal x'wegħduhom il-ġenituri għall-Milied.

▪ Għaliex jafdaw fil-ġenituri tagħhom meta jwegħduhom xi ħaġa? Xi jġagħalhom ikollhom fiduċja li dawk il-wegħdiet ser jinżammu?

▪ Aħna nafdaw iktar lil min uriena fil-passat li jżomm il-wegħdiet tiegħu.

▪ Bl-istess mod, Alla jżomm kelmtu dejjem magħna – ta' min jafda fih. Hekk għamel mal-poplu Lhudi, anki meta dawn iddubitaw fih, u hekk jagħmel magħna llum.

▪ Alla jżomm il-wegħdiet tiegħu anki meta għalina jidhru kbar wisq jew impossibbli, għax għalih m'hemm xejn li ma jistax ikun.

*Jew*

▪ Din l-istennija tista' tiġi mfissra lit-tfal billi tgħidilhom kif iħossuhom meta jkunu qed jistennew rigal, u l-emozzjonijiet li jħossu.

- **Proposta ta' innijiet:**

  - Ir-Ragħajja (awdjo, kliem u mużika wieħed jista' jsibhom hawn: https://www.laikos.org/rizorsi_tfal.htm)
  - L-Anġli (awdjo, kliem u mużika wieħed jista' jsibhom hawn: https://www.laikos.org/rizorsi_tfal.htm)
  - Il-Ħabbara (awdjo, kliem u mużika wieħed jista' jsibhom hawn: https://www.laikos.org/rizorsi_tfal.htm)
  - Ġej il-Mulej (awdjo, kliem u mużika wieħed jista' jsibhom hawn: https://www.laikos.org/rizorsi_tfal.htm)
  - Qed jinfirex mal-widien

## Is-7 Jum tan-Novena: 21 ta' Diċembru

### ALLA-MAGĦNA FIL-FOQRA

- **Tema:** Ġesù jitwieled fqir għall-foqra.
- **Skrittura:** "Illum tweldilkom Salvatur" (Lq 2:11).
- **Riflessjoni:**

Luqa jqiegħed it-twelid ta' Ġesù "fi żmien eżattament databbli" u f'"ambjent ġeografikament eżattament indikat", hekk li "l-universali u l-konkret imissu lil xulxin" (Benedittu XVI, *L'infanzia di Gesù*, 2012, 77). Alla li jidħol fl-istorja ma jaqlax minn għeruqhom l-istrutturi tad-dinja, imma jrid idawwalhom u jerġa' joħloqhom minn ġewwa. Għalhekk huwa għażel li jkun fqir qalb il-foqra. Luqa jurina li Alla ma jiġix fid-dinja bi proklamazzjonijiet pompużi, ma jagħmilx għagħa biex juri min hu, imma jibda l-vjaġġ tiegħu fil-faqar ħalli jkun mal-foqra.

Aktar 'il quddiem il-predikazzjoni ta' Ġesù tibda billi jxandar it-triq tiegħu tal-ferħ, u dan jagħmlu taħt forma ta' tħabbira paradossali: "Henjin il-foqra fl-ispirtu, għax tagħhom hija s-Saltna tas-Smewwiet" (Mt 5:3). Ninnutaw li Mattew ma jużax biss il-kelma 'foqra' li hija kategorija ekonomika, jiġifieri tindika lill-persuni li ftit jew xejn għandhom mezz kif isostnu ruħhom bil-konsegwenza li jeħtieġu l-għajnuna tal-oħrajn. B'differenza minn Luqa, jitkellem fuq il-"foqra fl-ispirtu". Skont il-Bibbja, l-ispirtu huwa n-nifs tal-ħajja li Alla ta lil Adam; hija d-dimensjoni l-iżjed intima. Għalhekk il-"foqra fl-ispirtu" huma dawk li jħossuhom foqra u tallaba fil-ġewwieni tagħhom. Ġesù jsejħilhom henjin, għax tagħhom hija s-Saltna tas-smewwiet.

Is-Saltna ta' Alla hija tal-foqra fl-ispirtu. Hemm dawk li għandhom is-saltniet ta' din id-dinja: għandhom il-ġid u l-kumdità. Imma huma saltniet li jintemmu. Is-setgħa tal-bnedmin, imqar l-ikbar imperi, tgħaddi u tgħib. Isaltan tassew min jaf iħobb il-veru ġid iżjed minnu nnifsu.

Ġesù għaraf jagħmel dak li s-slaten ta' din l-art ma jagħmlux: jagħti ħajtu għall-bnedmin. U din hi setgħa tassew: il-libertà ta' min hu tassew fqir.

Skont San Luqa, Ġesù ġie jfittex il-foqra u l-emarġinati, u fejn issib lil dawn, issib lil Ġesù. Għandna seba' darbiet fejn l-evanġelista juża l-kelma "illum", u f'kull każ minnhom insibu kategorija ta' nies li jħaddnu xi forma ta' faqar u li Ġesù jagħnihom fil-faqar tagħhom billi ma jistmerrx joqgħod magħhom.

1. "Tibżgħux, għax araw, qiegħed inħabbrilkom ferħ kbir, ferħ li se jkun għall-poplu kollu. Illum, fil-belt ta' David, twildilkom Salvatur, li hu l-Messija, il-Mulej. U bħala sinjal ikollkom dan; issibu tarbija mfisqija u mimduda f'maxtura" (Lq 2:10-12). Ir-ragħajja ġew magħżula sabiex ikunu l-ewwel xhieda tal-faqar ta' Alla li jsalva. Kienu rġiel ta' ftit kultura, jintnu minħabba l-kuntatt kontinwu tagħhom mal-annimali, jgħixu fit-trufijiet tas-soċjetà. Imma huma jipprattikaw ix-xogħol li bih Alla nnifsu juri min hu lill-poplu tiegħu: ir-Ragħaj tal-merħla. Alla jagħżilhom bħala destinatarji tal-isbaħ bxara li qatt dwiet fl-istorja.

2. "Illum din l-Iskrittura seħħet quddiemkom" (Lq 4:21). Eżattament wara li Ġesù qara s-silta mill-profeta Iżaija fis-sinagoga ta' Nazaret, ta' raġel matur seta' jikkummenta s-silta. U fil-fatt hekk għamel b'mod meqjus u dirett. Ġesù huwa dak li jħaddan programm ta' ministeru indirizzat lejn diversi kategoriji żvantaġġjati: "Bagħatni nħabbar il-ħelsien lill-imjassrin, inwassal il-bxara t-tajba lill-fqajrin, u d-dawl mill-ġdid lill-għomja, inrodd il-ħelsien lill-maħqurin u nxandar sena tal-grazzja tal-Mulej". In-nies ta' Nazaret tħawdu għaliex ma setgħu qatt jaċċettaw li dak li kien bniedem komuni huwa l-ikkonsagrat ta' Alla fdat bil-missjoni tal-fidwa.

3. “Rajna ħwejjeġ tal-għaġeb illum” (Lq 5:26). Din hija l-istqarrija tal-folla meta jaraw il-miraklu li għamel Ġesù mar-raġel mifluġ. Dan, bla saħħa f’riġlejh, kien safa bla direzzjoni. Il-faqar tiegħu jwassal lil Ġesù biex jistqarr is-setgħa tiegħu li jaħfer id-dnubiet, u fuq kollox bħala prova ta’ dan jagħtih mill-ġdid is-saħħa f’riġlejh. Il-kittieba u l-Fariżej jiġġudikawh bħallikieku ħa għalih dak li huwa biss ta’ Alla, is-setgħa tal-maħfra tad-dnubiet, għax m’għarfux li Alla għamel lilu nnifsu preżenti f’Ġesù ta’ Nazaret.

4. “Madankollu llum u għada u pitgħada jeħtieġli nissokta t-triq tiegħi, għax ma għandux ikun li profeta jinqered barra minn Ġerusalemm” (Lq 13:32). Anki hawn il-kelma ‘illum’ (σήμερον, *sēmeron*) tindikalna kategorija oħra ta’ faqar li jaħkem il-bniedem u li f’Ġesù għandna l-fidwa għalih. Huma dawk li ma jaċċettawx it-tajjeb fl-oħrajn, għax iridu kollox għalihom. Il-kuntest huwa meta lil Ġesù qalulu li Erodi jrid joqtlu, imma Ġesù bla biża’ jesprimi l-kuraġġ u d-determinazzjoni tiegħu li jkompli fil-pjan tal-Missier. Ġesù jgħodd lilu nnifsu bħala profeta li ma jsibx l-approvazzjoni mingħand dawk li jħaddmu s-setgħa u l-poter.

5. “Illum irrid noqgħod f’darek… Illum waslet is-salvazzjoni f’din id-dar” (Lq 19:5,9). Dawn il-kliem Ġesù jtennihom lil Żakkew li kien il-kap tal-pubblikani u fuq kollox kien għani. Żakkew jinkarna l-ħajja ta’ dawk li ġew magħduda li mhux ser isalvaw u jaraw il-wiċċ ta’ Alla. Madankollu Ġesù jistqarr li Żakkew jidħol fil-pjanijiet ta’ Alla u għalhekk meħtieġ li jidħol joqgħod għandu u jidħol f’komunjoni miegħu madwar il-mejda tal-ikel. Alla huwa magħna għaliex jattira ruħu mhux mill-merti tagħna, imma mill-bżonnijiet u l-miżerja tagħna. Dan huwa Alla-tabib preżenti magħna u għalina fil-faqar u l-mard tagħna.

6. “Illum qabel ma jidden is-serduk… tiċħadni tliet darbiet” (Lq 22:34). Anki Pietru huwa magħdud fost il-foqra li għalihom ġie Ġesù. Waħda mill-qaddejja tagħraf lil Pietru bħala dak li kien

ma' Ġesù, imma Pietru jiddeludina għaliex eventwalment jiċħad kull rabta ma' Ġesu. Is-serduk jidden u hekk isseħħ il-kelma li kien ħabbarlu Ġesù fiċ-Ċenaklu. Pietru jasal li jidgħi u jisħet, tant li lanqas ilissen l-isem ta' Ġesù u jitbiegħed minnu. Ġesù jgħodd b'foqra lil dawk li għadhom mhumiex lesti li jilqgħu l-verità dwarhom infushom u jgħoddu lilhom infushom bħala midinbin. Id-dramma tal-verità tagħmel tajjeb sabiex isseħħ ir-rikonċiljazzjoni u l-fejqan.

7. "Illum tkun miegħi fil-ġenna" (Lq 23:43). Ġesù jinsab imsallab bejn żewġ ikkundannati u ma jehdiex ikun ta' għana għall-fqir. Il-ħalliel it-tajjeb fil-faqar u l-miżerja tiegħu għaraf li maġenbu kien hemm imsallab il-ġust u l-innoċenti. Għaraf li seta' jixrob u jitfejjaq mill-innoċenza ta' Ġesù u jitolbu: "Ġesù, ftakar fija meta tiġi fis-saltna tiegħek". Isejjaħlu b'ismu, "Ġesù", b'kunfidenza, u hekk jistqarr dak li jindika dak l-isem: "Alla jsalva". Dak il-bniedem jitlob lil Ġesù jiftakar fih, tipiku tat-talba Lhudija. Hu l-bżonn tal-bniedem li ma jħossux abbandunat, li jħoss lil Alla dejjem qrib tiegħu. Hekk il-passjoni tal-ġust tissarraf f'solidarjetà sħiħa ma' kull inġustizzja tal-bniedem. U għal darb'oħra tidher il-fedeltà ta' Alla-magħna meta joffri b'xejn is-salvazzjoni lil dan l-ikkundannat. Fuq is-salib, l-aħħar għemil tiegħu jikkonferma t-twettiq tal-pjan tal-fidwa: mill-bidu sat-tmiem hu wera li huwa fqir għall-foqra, wera li hu l-inkarnazzjoni dejjiema u irripetibbli tal-imħabba tal-Missier. Ġesù hu tabilħaqq il-wiċċ fqir imma għani fil-ħniena tal-Missier.

"Il-foqra u n-nies sempliċi fil-presepju jfakkruna li Alla jsir bniedem għal dawk li l-iżjed iħossu l-ħtieġa ta' mħabbtu u jitolbuh ikun qribhom. Ġesù, 'ta' qalb ħelwa u umli' (Mt 11:29), twieled fqir, għex ħajja sempliċi biex jgħallimna nilqgħu l-essenzjal u ngħixu bih. Mill-presepju joħroġ ċar il-messaġġ li ma nistgħux inħallu jagħmuna l-għana ta' din l-art u tant proposti ta' ferħ li jtir mar-riħ. Il-palazz ta' Erodi jidher fl-isfond, magħluq, trux għat-tħabbira ta' ferħ. Imwieled f'maxtura, Alla nnifsu jagħti bidu għall-unika vera rivoluzzjoni li

trodd tama u dinjità lil dawk li m'għandhom xejn tagħhom, lill-imwarrbin: ir-rivoluzzjoni tal-imħabba, ir-rivoluzzjoni tal-ħlewwa. Mill-presepju, Ġesù jxandar, b'qawwa umli, is-sejħa għall-qsim mal-foqra bħala t-triq lejn dinja iżjed umana u fraterna, fejn ħadd ma jħossu eskluż jew imwarrab" (il-Papa Franġisku, *Admirabile Signum*, 6).

- **Applikazzjoni għat-tfal u l-familji:**

  - Il-predikatur jista' jsaqsi lit-tfal x'tipi ta' parties sarulhom jew attendew għal ħaddieħor bħal baby showers, birthday parties, parties tal-Magħmudija u l-Preċett… Dawn kollha kienu okkażjonijiet biex niċċelebraw lil xi persuna partikolari.
  - Ġesù min-naħa l-oħra ġie fid-dinja mingħajr l-ebda ċelebrazzjoni, minkejja li kien jistħoqqlu ħafna! Ġie fid-dinja bl-iktar mod sempliċi u fqir.
  - Dan għaliex il-missjoni tiegħu xtaq li jgħixha mal-fqar u ried jesperjenza t-tbatijiet tagħhom (u tagħna lkoll). Kieku twieled f'xi palazz u għex ħajja ta' sinjur, żgur li ma kienx ikun jista' jifhem il-problemi ta' nies sempliċi bħalna.
  - Il-faqar li ltaqa' miegħu Ġesù ma kienx biss faqar materjali imma kien ukoll dak soċjali (loneliness), il-mard, nuqqas ta' paċi fil-qalb, nuqqas ta' skop fil-ħajja tal-bniedem, nuqqas ta' fidi…

*Jew*

  - Il-qassis jista' jipprepara żewġ mudelli ta' tipi ta' "djar" (jista' anki jurihom fuq projector): wieħed mudell sabiħ – kumdità, ġmiel; u wieħed magħmul minn kartun – sempliċi, fqir. Jista' jistaqsi lit-tfal: F'liema minn dawn twieled Ġesù? U għaliex?
  - Jispjega li Ġesù għażel il-faqar mhux għax kien imġiegħel, imma biex jersaq qrib kulħadd, speċjalment dawk li ma għandhom xejn.
  - Wara, it-tfal jistgħu jqiegħdu oġġetti jew ikel għall-familji fil-bżonn ħdejn il-maxtura, bħala ġest ta' solidarjetà.

- **Proposta ta' innijiet:**

  - Ir-Ragħajja (awdjo, kliem u mużika wieħed jista' jsibhom hawn: https://www.laikos.org/rizorsi_tfal.htm)

- Milied tfuliti (ara hawn: https://www.youtube.com/watch?v=u1tBUM_Higw&list=RDu1tBUM_Higw&start_radio=1)
- Ejjew ilkoll (awdjo, kliem u mużika wieħed jista' jsibhom hawn: https://www.laikos.org/rizorsi_tfal.htm)
- Madwaru miġburin (awdjo, kliem u mużika wieħed jista' jsibhom hawn: https://www.laikos.org/rizorsi_tfal.htm)

## It-8 Jum tan-Novena: 22 ta' Diċembru
## MAGĦNA FL-GĦEMEJJEL TAL-IMĦABBA

- **Tema:** Espressjonijiet tal-Imħabba divina.

- **Skrittura:** "Kulma għamiltu ma' wieħed mill-iżgħar fost dawn ħuti, għamiltuh miegħi" (Mt 25:40).

- **Riflessjoni:**

Ġesù ġie joqgħod magħna sabiex bi kliemu u bil-ġesti tiegħu jgħallimna nhobbu: "Ħobbu lil xulxin kif ħabbejtkom jien" (Ġw 13:34). Hu impenn li jisfida l-kuxjenza u l-għemil ta' kull Nisrani, għax kull min jirċievi l-imħabba jsir hu wkoll sinjal u strument tagħha lill-oħrajn. Fil-mod kif inħobbu lil dawk ta' madwarna aħna nagħmlu preżenti lil Ġesù nnifsu. Kif l-imħabba ta' Ġesù lejna kienet bil-fatti, hekk ukoll l-imħabba tagħna lejn xulxin meħtieġ li tidher bil-fatti.

Fost l-isbaħ paġni ta' Mattew insibu t-tagħlim li b'xi mod nistgħu nsejħulu t-"testment ta' Ġesù". Hija normalment imsejħa l-paġna tal-Ġudizzju, imma fil-fatt ħadd mhu ser jiġġudikana għajr l-istess għemejjel tagħna. Ġesù jgħidilna li kull darba li nagħtu x'jiekol lil min hu bil-ġuħ u x'jixrob lil min hu bil-għatx, li nlibbsu persuna għarwiena u nilqgħu lill-barrani, li nżuru lill-marid jew lill-ħabsi, dan inkunu nagħmluh lilu stess (Mt 25:31-46).

Il-Knisja dawn sejħitilhom "opri tal-ħniena", għax huma għajnuna lill-persuni fil-ħtiġijiet materjali tagħhom. Aktar ma nagħmlu minn dawn l-opri, aktar nuru li Alla hu magħna! Anzi, l-aħbar ta' Alla-magħna tasal biss jekk aħna ngħixu dawn l-opri tal-ħniena.

F'dinja li b'xorti ħażina hi milquta mill-marda tal-indifferenza, l-opri tal-ħniena huma l-aħjar mediċina għal tant ħutna emarġinati. Fil-fatt, jedukawna għall-attenzjoni lejn l-"iċken fost ħutna" (Mt 25:40), li fihom hemm preżenti Ġesù. Fejn hemm bżonn, fejn hemm persuna li hi fil-bżonn, kemm jekk materjali u kemm jekk spiritwali, hemm

jinsab Ġesù. Li nagħrfu wiċċu f'dak ta' min hu fil-bżonn hi tassew sfida kontra l-indifferenza. Tgħinna biex nishru dejjem, u nevitaw li Kristu jgħaddi minn biswitna bla ma nagħrfuh. Jista' jiġrilna dak li jistqarr Santu Wistin fil-frażi: "Nibża' mill-Mulej għaddej" u jien nibqa' ma nagħrfux. B'xorti ħażina, spiss aħna moħħna band'oħra, indifferenti, u meta l-Mulej jgħaddi qrib tagħna, aħna nitilfu l-okkażjoni li niltaqgħu miegħu.

L-opri tal-ħniena huma modi kif il-fidi nżommuha ħajja u ħawtiela fl-imħabba. Quddiem il-faqar ta' ħutna, aħna nħossuna sfidati biex nagħmlu xi ħaġa. Li ndawru wiċċna band'oħra jfisser li ndawru wiċċna lil Ġesù nnifsu. Dejjem attwali kliem l-Appostlu Ġakbu: "X'jiswa, ħuti, li wieħed jgħid li għandu l-fidi jekk ma jurihiex fl-għemil tiegħu? Jaqaw tista' ssalvah din il-fidi? Jekk ħuk jew oħtok ma jkollhomx x'jilbsu u jonqoshom l-ikel ta' kuljum, u wieħed minnkom jgħidilhom: 'Morru bis-sliem, isħnu u kulu sa tixbgħu', bla ma jagħtihom dak li hu meħtieġ għall-ġisem, dan x'jiswa? Hekk ukoll il-fidi: jekk tkun weħidha u ma jkollhiex l-għemil, tkun mejta fiha nfisha" (2:14-17).

Fi Ġwanni 6:5, Ġesù, meta ra tant nies miexja warajh, staqsa lid-dixxipli tiegħu: "Mnejn nixtru l-ħobż biex dawn ikollhom x'jieklu?". U d-dixxipli weġbuh: "Ma jistax ikun, aħjar jekk tibgħathom…". Imma Ġesù jgħidilhom: "Le. Agħtuhom intom x'jieklu" (Mk 14:16). Jitlobhom il-ftit ħobżiet u ħutiet li kellhom magħhom, iberikhom, jaqsamhom u jqassamhom lil kulħadd. Jagħtina lezzjoni importanti ħafna għax jurina li l-ftit li għandna, jekk nafdawh f'idejn Ġesù u naqsmuh bil-fidi, isir għana bla qies.

Ma ninsewx x'qal Ġesù: "Jiena l-ħobż tal-ħajja" (Ġw 6:35), u, "Ħa jiġi għandi min hu bil-għatx" (Ġw 7:37). Dawn il-kelmiet huma għalina lkoll li nemmnu provokazzjoni biex nagħrfu li, mill-għemil tagħna li nitimgħu lil min hu bil-ġuħ u nisqu lil min hu bil-għatx, tgħaddi r-relazzjoni tagħna ma' Alla, Alla li f'Ġesù wera l-wiċċ tiegħu kollu mħabba għalina.

Anki l-attenzjoni lejn il-barranin hija xi ħaġa li nistgħu nħaddmu ta' kuljum. L-immigrazzjoni mhix xi fenomenu ġdid, imma hi parti mill-istorja tal-bniedem. Il-Bibbja toffrilna bosta eżempji konkreti ta' immigrazzjoni. Biżżejjed niftakru f'Abraham meta Alla sejjaħlu sabiex iħalli pajjiżu biex imur f'ieħor: "Qum u itlaq minn artek, minn art twelidek, u minn dar missierek, lejn l-art li jien nurik" (Ġen 12:1). U hekk ukoll ġralu l-poplu ta' Iżrael, li mill-Eġittu, fejn kien ilsir, telaq miexi għal 40 sena sħaħ fid-deżert sa ma wasal fl-Art imwiegħda lilu minn Alla. L-istess Familja Mqaddsa – Marija, Ġużeppi u ċ-ċkejken Ġesù – kellha temigra biex taħrab mit-theddida ta' Erodi: "Ġużeppi qam, ħa miegħu lit-tifel u 'l ommu billejl u telaq lejn l-Eġittu, u baqa' hemmhekk sal-mewt ta' Erodi" (Mt 2:14-15). L-istorja tal-bnedmin hi storja ta' immigrazzjoni: f'kull saff tal-globu m'hemmx poplu li ma ħabbatx wiċċu mal-fenomenu migratorju. Quddiem il-barrani assistejna għall-espressjonijiet ta' solidarjetà, imma wkoll rajna l-ħolqien ta' ħitan u fruntieri, bil-konsegwenza tal-abbuż u tat-traffikar tal-bnedmin.

Imsejħin ukoll inroddu d-dinjità lil min tilifha u nlibbsuh l-istima li tixraqlu. Il-Milied jitlobna ma ningħalqux fina nfusna, indifferenti għall-ħtiġijiet ta' ħutna u mħabbta biss bl-interessi tagħna. Hu sewwasew skont kemm nifthu qalbna għall-oħrajn li l-ħajja ssir għammiela, u tagħti l-frott.

Il-ħajja ta' Ġesù kienet laqgħa kontinwa mal-persuni. Fost dawn, il-morda kellhom post speċjali. Kemm paġni tal-Vanġelu jirrakkontaw dawn il-laqgħat! Il-magħtub, l-agħma, l-imġiddem, l-imxajtan, dak li kien ibati b'tal-qamar, u għadd bla tarf u ta' kull xorta… Ġesù resaq qrib ta' kull wieħed u waħda minnhom u fejjaqhom bil-preżenza u l-qawwa tas-setgħa tiegħu li jagħti mill-ġdid il-ħajja.

Huma f'dawn l-opri tal-ħniena li l-Mulej jistedinna għal ġest ta' umanità kbira: li naqsmu ma' xulxin. Niftakruha din il-kelma: li naqsmu. Min hu marid, spiss iħossu waħdu u meta nżuruhom qegħdin nagħmlu espressjoni elokwenti u effikaċi ta' ħniena li biha nagħmlu lil Ġesù nnifsu preżenti. Faċli li nibqgħu lura u nċaħħdu lilna nfusna

mill-għana li nistgħu niksbu mill-qrubija tagħna lejn min qed ibati. Il-Papa Franġisku kien iħobb jgħid li l-isptarijiet huma tassew "katidrali tat-tbatija", imma minnhom toħroġ ċara wkoll il-qawwa tal-imħabba li twieżen u turi ħniena.

Li nżuru lill-persuni fil-ħabs hi wkoll opra ta' ħniena ta' valur kbir. Ħadd m'għandu jipponta subgħajh lejn ħadd. Imma lkoll għandna nsiru strumenti ta' ħniena, b'atteġġjamenti ta' qsim u ta' rispett. Anki Ġesù ġarrab l-esperjenza tal-ħabs qabel il-passjoni tiegħu.

Jalla dan il-Milied ikebbes fina dejjem aktar il-ħeġġa biex l-opri tal-ħniena nwettquhom b'attwalità. Il-misteru ta' Alla-magħna jidher u jinħass permezz ta' dawn l-opri tal-ħniena li jsiru għodda biex Kristu jiltaqa' mal-bniedem batut u lilna jagħtina l-okkażjoni tad-deheb biex nikkontemplaw lil wiċċu. Ilkoll nistgħu nkunu strumenti tal-ħniena ta' Alla u dan iktar jista' jagħmel ġid lilna milli lill-oħrajn, għax il-ħniena ta' Alla tgħaddi minn ġest, kelma, żjara, u din il-ħniena hi għemil li jrodd il-ferħ u d-dinjità lil min tilifhom.

- **Applikazzjoni għat-tfal u l-familji:**

  - Huwa importanti li t-tfal jifhmu li fid-dinja ma neżistux aħna biss. Ġurnata qabel it-tfal jissejħu biex l-għada jsemmu pajjiż li fih qed issir gwerra. Tiġi ppreparata mappa kbira minn qabel, u wara li t-tfal isemmu, jiġu murijin dawk il-pajjiżi fejn bħalissa qed iseħħ kunflitt. Il-Papa Franġisku kien spiss jgħid li bħalissa qed isseħħ it-tielet gwerra dinjija b'ħafna gwerer żgħar li qed iseħħu mad-dinja kollha (ara: https://en.wikipedia.org/wiki/List_of_ongoing_armed_conflicts). Ħafna drabi l-migranti jkunu qed jaħarbu minn dawn is-sitwazzjonijiet kiefra li jkunu qed isibu ruħhom fihom. Din mhix għażla għalihom. Huwa importanti li t-tfal jifhmu li minkejja li aħna qed nesperjenzjaw il-ġid, hemm ħafna pajjiżi qed jesperjenzjaw kunflitti: eż, l-Ukrajna u l-Palestina.
  - It-tfal jitħeġġu jsemmu wkoll kif huma jistgħu jġibu l-paċi fl-ambjenti li fihom jinsabu: skola, familja…

*Jew*

- Il-predikatur jista' jibda billi juri stampi ta' nies li għaddejjin minn żmien diffiċli (eż. persuna bil-ġuħ, anzjan marid, tifel imdejjaq…).
- Jistaqsi lit-tfal x' jistgħu jagħmlu biex jgħinu lil dawn in-nies (eż. jagħtu x'jieklu lil min hu bil-ġuħ, joffru talba għall-marid, u jkellmu lit-tifel li hu mdejjaq jew waħdu).
- Jispjega li Ġesù jixtieq juża lilna biex l-Imħabba tiegħu tasal għand l-oħrajn: jgħid li kulma nagħmlu ma' min hu fil-bżonn, inkunu qed nagħmluh miegħu.

*Jew*

L-imħabba li tidher bil-fatti u mhux bil-kliem biss.

- Il-predikatur jista' jsaqsi lit-tfal xi affarijiet li jagħmlu magħhom il-familjari/ sħabhom/ għalliema/ katekisti, li lilhom juruhom li jħobbuhom.
- Jista' jsaqsi wkoll lit-tfal x'jagħmlu huma biex juru lil dawn in-nies li jħobbuhom.
- Jista' jispjega l-Opri tal-Ħniena lit-tfal b'eżempji li huma familjari magħhom.
- Fl-aħħar jista' jsemmi kif aħna msejħa biex nuru mħabba mhux biss lil dawk li jħobbuna imma lil kulħadd, eż. lill-barranin, lil min ma mmorrux tajjeb miegħu, lil min jaħsibha differenti minna…

- **Proposta ta' innijiet:**

- Il-Ħmara (ara hawn: https://www.youtube.com/watch?v=g-pCEJNhPgM&list=RDg-pCEJNhPgM&start_radio=1)
- Madwaru miġburin (awdjo, kliem u mużika wieħed jista' jsibhom hawn: https://www.laikos.org/rizorsi_tfal.htm)
- Ninni la tibkix iżjed
- Ir-Ragħajja (awdjo, kliem u mużika wieħed jista' jsibhom hawn: https://www.laikos.org/rizorsi_tfal.htm)
- Dalwaqt jitwieled Tfajjel żgħir
- Imtela bit-Tama
- Ġej il-Mulej

## Id-9 Jum tan-Novena: 23 ta' Diċembru
### MAGĦNA SABIEX JIBDILNA

- **Tema:** Ġesù ġie fostna biex jgħammar magħna u jibdilna f'uliedu.

- **Skrittura:** "Lil dawk li laqgħuh tahom is-setgħa li jsiru wlied Alla" (Ġw 1:12).

- **Riflessjoni:**

Fit-Twelid ta' Ġesù li sejrin niċċelebraw fil-Milied, niċċelebraw ukoll it-twelid tagħna. San Ġwann jgħidilna li "ġie f'daru u niesu ma laqgħuhx, imma lil dawk li laqgħuh tahom is-setgħa li jsiru wlied Alla".

Sa minn dejjem il-bniedem fittex li jsir alla, billi jogħla fuq l-oħrajn u jsir bħal alla. Din kienet il-gidba tas-serp lil Adam u lil Eva u li f'isimha ħajjarhom jiksru l-ordni ta' Alla. Il-bnedmin fl-immaġinazzjoni tagħhom poġġew lil Alla fl-għoli tas-smewwiet (Ġob 22:12: "Mhuwiex Alla l-Ogħla tas-sema, u jara ras il-kwiekeb li huma fl-għoli?"), u għalhekk il-ħolm tas-setgħanin kien dejjem li jogħlew u jilħqu s-sema b'idejhom. Li jaslu għand Alla kienet ukoll l-ambizzjoni tar-reliġjon u dawk kollha li jħaddnuha bil-ħsieb li jingħaqdu ħaġa waħda miegħu. Waqt li s-setgħanin ħasbu li jaslu għal dan bil-poter, ir-reliġjużi ħasbu li jaslu għal dan bit-talb u bil-pjetà tagħhom.

Imma l-Milied jurina Alla li sar bniedem, niżel sal-livell tagħna l-ħlejjaq. Kienet il-bluha ta' Alla (1 Kor 1:25) li wasslet lill-Għoli sabiex jitbaxxa għal-livell tal-ħlejqa u jsir bniedem. Il-Milied biddel darba għal dejjem il-bixra ta' Alla u l-bixra tal-bniedem bil-konsegwenza li nbidlet ir-relazzjoni ta' bejniethom. Is-setgħanin u r-reliġjużi kienu jaħsbu li jaslu għand Alla daqskemm jinqatgħu mill-bnedmin l-oħra sabiex jaħkmu fuqhom jew sabiex ikunu eżempju jiddi għalihom. L-imperatur li kien jiggverna d-dinja ta' żmien Ġesù kien beda jsejjaħ lilu nnifsu Awgustu għaliex għamel lilu nnifsu divin. Fuq

in-naħa l-oħra l-poplu Lhudi, li kien iżomm li hu l-poplu pprivileġġjat ta' Alla, kien fassal u bena tempju li ħadd ma seta' joqrob lejn Alla u jidħol fis-santwarju jekk mhux saċerdoti, u dan darba waħda fis-sena.

Ir-riżultat kien diżastruż: aktar ma s-setgħana għolew, aktar il-waqgħa tagħhom kienet traġika u niżlu fl-abbissi, għaliex aktar ma nqatgħu minn ħuthom, aktar saru diżumani. Il-gwerer u l-ġenoċidji huma sinjali ta' dan kollu. Fl-istess waqt ir-reliġjużi aktar ma ħolqu modi kif jinqatgħu u jippurifikaw lilhom infushom, aktar Alla deher imbiegħed; għaliex aktar ma tinqata' mill-oħrajn, aktar tinqata' minn Alla. Dan hu li jirrakkonta Ġesù fil-parabbola tal-pubblikan u l-Fariżew li telgħu fit-Tempju sabiex jitolbu: "…kull min jitkabbar, jiċċekken; u min jiċċekken, jitkabbar" (Lq 18:14).

Il-Milied jurina għalfejn jiġri dan. Mhux meħtieġ titgħolla biex tiltaqa' ma' Alla, imma pjuttost titbaxxa, għaliex f'Ġesù Alla sar bniedem, totalment bniedem għas-servizz tal-bnedmin. Wara li twieled Ġesù, mhux ser infittxu aktar lil Alla imma nilqgħuh, għaliex huwa Alla-magħna. Jitlob minna li nilqgħuh sabiex miegħu u bħalu nkunu nistgħu mmorru għand ħutna u nagħtuhom l-imħabba waqt li nibnu dinja dejjem aktar umana. Aktar ma nkunu umani u nġibu ruħna ta' bnedmin, tassew aktar tidher fina l-bixra tad-divin li hemm moħbi fina.

U din hija s-sorpriża meraviljuża tal-Milied – aktar ma nilqgħu lil Ġesù, aktar insiru ħolqien ġdid tant li nsiru ħutu u wlied adottivi tal-Missier. "Lil dawk li laqgħuh tahom is-setgħa li jsiru wlied Alla".

San Pawl ukoll jgħidilna ħaġa simili meta jikkontempla s-sigriet moħbi f'Alla u li deher fostna f'Ġesù, u jikkonkludi: "Meta waslet il-milja taż-żmien, Alla bagħat lil Ibnu, imwieled minn mara, imwieled taħt il-Liġi, biex jifdi lil dawk li kienu taħt il-Liġi, biex ikollna l-adozzjoni ta' wlied" (Gal 4:4-5). Hawn għandna l-pass deċiżiv li għamel Alla favur il-bniedem: dak li ma kienx suġġett għal-liġi ddeċieda, għall-imħabba tagħna, li jitlef kull xorta ta' privileġġ (*privus legis*) u jidħol fl-anqas post mistenni biex jeħles lilna li konna taħt il-

liġi. Għażel li jagħmel dan kollu fiċ-ċokon u fid-dgħufija ta' tarbija tat-twelid; iddeċieda li joqrob lejna u fil-ġisem tiegħu jħaddan il-ġisem tagħna, fid-dgħufija tiegħu jgħannaq id-dgħufija tagħna, fiċ-ċokon tiegħu jgħatti tagħna. Ġesù ma libisx il-maskra ta' bniedem, imma sar tassew bniedem u ħa sehem fil-kundizzjoni kollha tagħna. Sar qarib ta' dawk kollha li fil-ġisem iġorru l-piż ta' min iħossu mbiegħed u waħdu, biex id-dnub, il-mistħija, il-ġrieħi, it-tbatija, l-esklużjoni ma jkollhomx l-aħħar kelma fil-ħajja tagħna.

Tant il-bidla kienet kbira, li għoddna bħala wlied adottivi tiegħu. Xħin inħarsu lejn il-presepju, ħarsitna tieqaf fuq din it-tarbija tat-twelid u niskopru kif Alla jinvolvi ruħu fil-ġrajja tal-umanità tagħna.

San Pawl isejjaħ lil Kristu "l-kbir fost il-ħlejjaq kollha" (Kol 1:15-20). Din il-kelma "l-kbir" timplika li huwa l-ewwel fost tant ulied, l-ewwel fost tant aħwa, niżel biex jiġbidna lejh u jagħmilna ħutu. Kristu hu l-ġabra ta' kulħadd, jerġa' jiġbor lil kulħadd fih u jmexxina lejn Alla. U hekk idaħħalna biex ikollna sehem fil-glorifikazzjoni tiegħu, u nsiru miegħu wlied fl-Iben. Nitolbu lit-Tarbija ta' Betlehem biex tkompli tinvolvina u tgħinna nitwaħħdu mal-umanità tiegħu u ta' ħutna, biex hekk ningħataw sehem fid-divinizzazzjoni tiegħu.

- **Applikazzjoni għat-tfal u l-familji:**

Ġesù ġie fid-dinja biex isir jixbah lilna ħalli jifhimna aħjar…

- Il-predikatur jista' juri ritratti (fuq skrin) ta' ġenituri u tfal li jkunu jixxiebhu. Jistaqsi lit-tfal x'inhuma jaraw.
- Ġesù ġie fid-dinja u sar bniedem bħalna biex hu jsir jixbahna u aħna nsiru nixbhuh.
- Il-predikatur jista' jistaqsi lit-tfal kif aħna issa nistgħu nsiru iktar nixbhu lilu.

*Ġesti oħra:*

- Jitqiegħed Ġesù Bambin fil-maxtura. Issir purċissjoni bit-tfal u l-kant.

- **Proposta ta' innijiet:**

  - Ninni la tibkix iżjed
  - O Ġesù Ħelwa Tarbija
  - Il-Ħabbara (awdjo, kliem u mużika wieħed jista' jsibhom hawn: https://www.laikos.org/rizorsi_tfal.htm)
  - L-Anġli (awdjo, kliem u mużika wieħed jista' jsibhom hawn: https://www.laikos.org/rizorsi_tfal.htm)
  - Kemm għandna ferħ ġo qalbna
  - Dalwaqt jitwieled Tfajjel żgħir

**Oġġetti li l-Caritas Djoċesana għandha bżonn:**

- għat-trabi: ħrieqi (sizes 4, 5 u 6), shampoo għat-tfal, gallettini (kull tip), detergents (tal-ħwejjeġ u tal-platti), u conditioner (tat-tlaħliħ tal-ħwejjeġ).
- għal kulħadd: kafè, zokkor, żejt tal-ikel, ħalib (long life), ċereali għat-tfal u kull tip ta' sapun.

# VII
# PASS PASS LEJN BETLEHEM
## Mappa tal-vjaġġ lejn Betlehem
(Proposta għal Novena oħra tal-Milied,
imħejjija mill-Parroċċa Ta' Sannat)

Kuljum mexjin… u pass pass ma' Marija u Ġużeppi nimxu 'l quddiem biex insibu lil Ġesù fil-Milied.

1. **Nazaret:** L-"Iva" ta' Marija. Ix-xebba tnissel u jkollha Iben, u jsemmuh Għimmanu-El, Alla magħna.

2. **Ħolma ta' Ġużeppi:** Sorpriżi… L-anġlu jibdel il-ħajja ta' Marija – Verġni – u jkompli b'Ġużeppi msejjaħ ikun missier mingħajr ma jkun hu li jnisslu. Alla jibdel il-pjanijiet. L-ubbidjenza ta' Ġużeppi.

3. **It-triq lejn Betlehem:** Fid-diffikultajiet, Ġesù kien id-dawl għal Marija u Ġużeppi. Il-preżenza tiegħu tagħti tama, dawl u fidwa.

4. **Wasla fid-Dħul ta' Betlehem:** Ġesù ġie biex jgħammar magħna. Imma aħna lesti li nilqgħuh?

5. **L-Istalla:** Tkun umli. Alla jidher mhux fil-kobor imma fl-umiltà. Alla ma jidhirx fis-sala nobbli ta' palazz irjali, imma fil-faqar ta' stalla.

6. **L-għolja tal-anġli:** Infaħħru lil Alla. L-anġli jissimbolizzaw ir-rivelazzjoni divina, il-ferħ, u jagħtu messaġġ ta' "paċi fl-art lill-bnedmin ta' rieda tajba" – l-aktar messaġġ importanti tal-Milied.

7. **L-għalqa tar-ragħajja:** Ġesù jitwieled fqir għall-foqra. Ir-ragħajja ġew magħżula sabiex ikunu l-ewwel xhieda tal-faqar ta' Alla li jsalva. Alla jagħżilhom bħala ħabbara tal-isbaħ bxara li qatt dwiet fl-istorja.

8. **L-istilla tal-Lvant:** Tagħżel li timxi wara d-dawl ta' Alla. Il-Maġi jsegwu s-sinjal tal-kewkba. Għalkemm jaraw tarbija tat-twelid, jinżlu għarkupptejhom u jadurawh.

9. **Il-Maxtura:** Magħna sabiex jibdilna. Niltaqgħu ma' Ġesù bi mħabba. Wara li twieled Ġesù, mhux ser infittxu aktar lil Alla imma nilqgħuh għaliex huwa Alla-magħna. Jitlob minna li nilqgħuh sabiex miegħu u bħalu nkunu nistgħu mmorru għand ħutna u nagħtuhom l-imħabba.

DJOĊESI TA' GĦAWDEX